# MALTA

## DEBATES TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

*(Rapport Ufficjali u Rivedut)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 550**

**It-Tlieta, 12 ta' Ġunju, 2001**

**Stampat fl-Ufficcju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 550**

**It-Tlieta, 12 ta' Ġunju, 2001**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fil-Kamra tal-Parlament, il-Palazz, il-Belt Valletta, fis-9.10 a.m.**

**Talba**

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mill-11 ta' Ġunju 2001.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**MR SPEAKER:** Aktar rimarki? L-Onor. Michael Bonnici.

**ONOR. MICHAEL BONNICI:** Mr Speaker, fid-diskors sabiħ li int għamilt fl-okkażjoni tas-*Sette Giugno,* int semmejt il-liġijiet li għaddew minn dan il-parlament b'*consensus* matul din il-leġislatura, u minn dak li smajna s'issa jidher li se jkollna liġi oħra li ż-żewġ naħat naqblu fuqha.. Dawk it-42 liġi li inti semmejt se jsiru 43 għax jidher li l-iskop ta' din il-liġi dwar il-koperativi u s-soċjetajiet koperativi hu aċċettabbli għaż-żewġ naħat tal-Kamra. Jista' jkun hemm xi diverġenzi żgħar dwar ċerti prattiċi li wieħed jista' jadotta, pero' l-prinċipju qiegħed hemm u l-oppożizzjoni diġa' stqarret tant tajjeb li taqbel ma' din il-liġi, pass li jien narah pożittiv ħafna.

Waqt li kont qed nipprepara għal dan l-intervent qasir tiegħi, fil-gazzetta tal-gvern tal-5 ta' Ġunju ġie ppubblikat avviż li jgħid li qed tiġi xolta l-koperativa ta' l-universita', il-*bookshop society*. Bilfors tiġik għafsa ta' qalb li meta l-gvern qed jippromwovi l-koperativi, fl-istess waqt għandek koperativa li qiegħda xxolji. Wieħed irid isemmi hawn li sa ftit ta' snin ilu kien hemm 27 koperativa li minnhom xoljew 27, tmienja kienu jeżistu fuq il-karta u tmienja oħra kienu moribondi. Bħalma qalu sħabi qabli, hawnhekk qegħdin naraw li minkejja li mill-1947, meta ġiet introdotta l-liġi tal-koperativi, saru ħafna sforzi biex isiru l-koperativi, pero' dawn ħafna drabi fallew jew ma rnexxewx. Ħafna minnhom dawn ġew xolti jew inkella dak li jkun ikun beda l-proċess u qata' qalbu.

Mr Speaker, jien ngħid li wieħed irid jara kemm verament irridu nbiegħu l-idea ta' dawn il-koperativi minn dan il-parlament. Mhux imbilli nitkellmu dwar liġi tal-koperativi imma minn dan il-parlament irridu nbiegħu kemm din il-liġi tiswa għal pajjiżna, b'mod speċjali għalina li aħna pajjiż żgħir. Il-koperativi rnexxew fl-Amerka, fl-Ingilterra u f'diversi pajjiżi oħra ta' l-Ewropa u saħansitra anke nrexxew fl-Afrika. Dan ifisser li jekk nagħmlu sforz, mill-ftit entitajiet żgħar li għandna nistgħu nagħmlu koperativi li jkunu jistgħu jikkompetu ma' l-aġenziji l-kbar. Ma rridx ngħid li b'daqshekk il-koperativi ma rnexxewx għax diversi koperativi rnexxew ukoll, bħall-koperativa tal-ħalib, dik tal-majjali, ta' l-inbid, tal-*minibuses* u tal-bdiewa. Kien hemm oħrajn li bdew tajjeb, bħalma kien hemm il-koperativa ta' l-indafa pubblika, imma

mbagħad sfortunatament inqala' d-diżgwid. Jien ngħid li dan minħabba li għadna ma fhemniex biżżejjed il-kunċett tal-koperativi.

Għal min qed jismagħna jew għal min qed jirreġistra dak li qegħdin ngħidu, koperativa tfisser li kull persuna li tassoċja ruħha għandha sehem u toħroġ sehemha fl-investiment li jsir. L-investiment il-koperativa ma tagħmlux għaliha biss imma tagħmlu għal ħaddieħor ukoll. Dan kollu jsir f'għaqda waħda għax fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa u hemm il-qligħ. Sfortunatament aħna l-Maltin nagħmlu l-iżball li nkunu rridu l-profitti tagħna malajr apparagun mal-ħruġ ta' l-investiment li nkunu għamilna. Dan ma jistax ikun u hemm bżonn li nifhmuha din.

Mr Speaker, aħna nafu li l-koperativi bdew mill-bdiewa. Ma rridux ninsew li l-bdiewa mhux l-ewwel darba li ġew sfruttati b'mod abbużiv ħafna, meta fil-verita' l-bdiewa huma pilastru ta' l-ekonomija. Dawn jitħabtu u jistinkaw minn ġurnata għall-oħra, f'xemx u xita, għax dak l-uniku għixien tagħhom. Imbagħad il-qligħ tagħhom ikun verament miżeru, b'mod speċjali meta għandek il-*middleman,* dak li ngħidulu s-sensar, li jieħu ħafna mill-qligħ li hu tal-bidwi u ta' ħadd aktar. Li jiġri hu li l-bidwi mhux f'pożizzjoni li jagħmel dak in-negozju hu nnifsu u għalhekk iqabbad lis-sensar. Dan ġieli jeħodlu 8% u 10% senserija, li allura jwassal biex il-qligħ tal-bidwi jevapora fix-xejn. Imbagħad kif tridu jitma' l-familja tiegħu! Kif se jżomm dik l-art li għandu bl-ispejjeż kollha li jkollu bżonn! Għalhekk l-iktar li taw bidu għall-koperativi kienu l-bdiewa u s-sajjieda.

Nista' nsemmi każ li kien deher fil-gazzetta "Il-Malta" ta' l-1891, jekk mhux sejjer żball t'Awwissu, fejn Dr Amabile Gulia kiteb hekk dwar il-Maltin, u se nittraduċi bil-Malti.

> "Il-ħaddiem Malti huwa għaqli, paċenzjuż, dritt fi ħwejġu, intelliġenti, jitgħallem malajr u motivat biex itejjeb l-operat tiegħu. Jonqsu biss ħaġa waħda, il-kuraġġ li jingħaqad ma' oħrajn fi spirtu ta' koperativa."

Dan ifisser li iktar minn mitt sena ilu hawn Malta diġa' kien hawn il-ħsieb li jqajmu l-ispirtu ta' dawn l-entitajiet żgħar biex jingħaqdu flimkien u jkunu forza waħda ta' saħħa għan-negozju tagħhom, xi ħaġa pożittiva ħafna. (Interruzzjonijiet) Qed nikkwota dan sabiex nuri kemm din il-liġi li qegħdin nagħmlu hi importanti u kemm hu importanti li nbiegħuha tajjeb minn dan il-parlament u li nagħtuha l-promozzjoni li għandha bżonn. X'qalu soċjoloġi li studjaw il-proċess tal-koperativi u tkellmu fuq dan is-suġġett? Nista' nikkwota xi partijiet għax dan hu suġġett li jien studjajt ftit ta' żmien ilu.

Fl-1977 Vanek Jaroslav qal hekk:

> *"Worker co-operatives can also be seen as schools of democracy. The institutionalised practice of democratic participation at the workplace is in itself an educational self-supporting and self-generating process. The act of participating improves the quality of participation while the co-operative context in which this occurs is a positive sum where such self-gain is also a collective gain and not fellow workers' loss."*

Insemmi wkoll parti minn dak li qal studjuż fl-1984:

> "*Worker co-operatives offer the promise of self-control in stark contrast to widespread social encounters. Workers thus elevate themselves from being disinterested consuming objects who relinquish substantial responsibility into the hands of the few.*".

Dan ifisser li bil-forza tal-ħaddiem stess ikollu s-suċċessi tiegħu kbar bil-parteċipazzjoni ta' l-investiment li jkun għamel u l-qligħ li jkun qed jippretendi minnu. Dawn huma prinċipji fuq il-koperativi. Kieku wieħed dawn kellu jbiegħhom sewwa lid-diversi aġenziji żgħar, naħseb li għandhom jirnexxu u jkunu ta' suċċess kbir għall-poplu Malti kollu.

L-iktar ħaġa importanti fil-liġi hi dwar kif taħdem koperattiva. Il-liġi hi miktuba b'mod intelliġenti ħafna biex kemm jista' jkun ma tħalli l-ebda *loophole* u tkun tissalvagwarda l-pożizzjoni ta' dawk li joħorġu l-investiment u jistennew il-qligħ minnu. Taqsima tlieta hija l-qofol ta' din il-liġi, fejn għandek il-prinċipji li semmihom tajjeb ħafna l-bieraħ l-Onor. Herrera, pero' tajjeb li wieħed jidħol fihom f'aktar dettall. L-ewwel prinċipju hu dak ta' sħubija volontarja u miftuħa, jiġifieri mhux sfurzata, għax jekk bniedem tisfurzah ma jaħdimlekx għal qalbu. Allura s-sħubija għandha tkun volontarja u min ikun lest joħroġ sehmu jista' jissieħeb liberament.

It-tieni prinċipju hu l-kontroll demokratiku min-naħa tal-membri. Dan ifisser li jkollhom id-dritt tal-vot, id-dritt li jattendu għal-laqgħa ġenerali u d-dritt ta' l-espressjoni ta' l-ideat tagħhom f'għaqda waħda b'għan wieħed, fejn ikunu jistgħu bl-iktar mod demokratiku jeżerċitaw id-dritt tal-liberta' tal-kelma, tal-liberta' ta' l-espressjoni u tal-liberta' tal-vot. Dan hu proċess demokratiku mill-iktar lampanti għax irrispettivament mill-entita' ta' l-investiment, kull membru ma jkollux aktar minn vot wieħed għad-dispożizzjoni tiegħu.

It-tielet prinċipju jittratta l-parteċipazzjoni ekonomika tal-membri. Meta għandek il-parteċipazzjoni u kulħadd jaħdem flimkien bħal aħwa joħroġ ir-riżultat tant mixtieq. Ir-raba prinċipju huwa l-awtonomija u l-indipendenza. L-awtonomija tfisser li lil dawn ħadd ma jindaħlilhom fid-deċiżjonijiet tagħhom, jaħdmu f'għaqda waħda flimkien u indipendenti minn oħrajn. Il-ħames prinċipju huwa t-taħriġ u l-informazzjoni.

Issa f'waħda mit-taqsimiet li hemm f'dan l-abbozz hemm li l-bord se jinħatar mill-gvern. Jiena ma naqbilx ma' l-Onor. Karl Chircop li qed joġġezzjona li l-bord jinħatar mill-gvern. Naħseb li jrid ikun hemm xi regolatur, xi ħadd, xi għaqda li tmexxi. Ma nistax nara kif jistgħu jagħmluha privatament. Bilfors li jrid ikun hemm xi ħadd li jaħtar dan il-bord u jikkontrollah. Jien mhux qed ngħid li l-bord jikkontrolla l-operat tal-koperativi imma l-bord għandu jara li dawk il-koperativi qegħdin jimxu kif għandhom jimxu, l-istess bħalma jiġri fil-każ tal-kunsilli lokali. Il-kunsilli lokali għandhom l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom, imma mbagħad hemm id-dipartiment tal-kunsilli lokali li jagħmel superviżjoni sabiex dak li jwettqu jwettquh skond il-liġi u ma jmorrux 'il hinn mid-doveri tagħhom.

Imbagħad għandek l-edukazzjoni. Hu importanti ħafna li nedukaw lill-intrapriżi ż-żgħar li għandna. Kemm niftaħru bl-intrapriżi, kemm niftaħru bl-*SMEs* u kemm niftaħru li jistgħu jikkompetu! Kemm ngħinuhom, anke finanzjarjament, biex jiftħu u jirristrutturaw l-aġenziji tagħhom! Imma dan ma jgħodd xejn jekk lil dawn il-ħafna *SMEs* li għandna ma nippruvawx ngħaqqduhom flimkien bl-ikbar edukazzjoni. Ma tfissirx li tgħid "grazzi" jew tgħid "jekk jogħġbok", imma l-edukazzjoni hi dak it-tagħlim li hemm bżonn li jidħol f'moħħhom biex dan l-operat li jagħmlu fil-koperativi jkun ta' l-ikbar ġid għalihom.

Is-seba' prinċipju hu l-interess appartenenti lill-komunita'. Meta għandek l-għaqda u meta prezz jistabilizza ruħu, il-konsumatur jista' jakkwista wkoll. Oriġinarjament meta twaqqfu l-ewwel koperativi kienu jġibu l-affarijiet *in bulk*. Il-koperativi tal-bdiewa u tas-sajjieda naħseb li kienu l-ewwel koperativi li kienu saru, anke fir-raħal tiegħi ta' Ħaż-Żebbuġ. Dawn kienu jixtru l-

fertiliżżant *in bulk,* kienu jixtru ż-żrieragħ u kienu jikkollaboraw flimkien għax meta tixtri kollettivament il-prezz jista' jorħos u b'hekk igawdi l-konsumatur. Hawnhekk hawn prinċipji verament tajbin u importanti u li kieku wieħed kellu jarahom fid-dettall u ngħallmu lill-poplu tagħna b'dak li huwa ta' ġid għalihom, żgur li jkollhom is-suċċessi li wieħed jixtieq.

Wieħed ma jridx jinsa li l-koperativi huma għaqda u jistgħu jikkompetu ma' aġenziji u kumpanniji kbar. Il-kumpanniji l-kbar huma differenti għax dawn għandhom investiment qawwi merfugħ fil-bank li jistgħu joħorġuh għal iktar investiment u għar-ristrutturazzjoni. Dawn huma nies li jifilħu, kapaċi jissugraw u jirriskjaw anke l-investiment. Imma ż-żgħar għandhom joqogħdu ħafna attenti - u aħna l-Maltin għandna noqogħdu ħafna attenti fuq din il-ħaġa u m'għandniex nippretendu li nafu nagħmlu l-*accounts* u l-*financial management* tal-kumpannija meta hemm esperti li jistgħu jgħinuna – u jekk jingħaqdu flimkien f'din l-għaqda ta' koperativa bejniethom, żgur li jkunu jistgħu jikkompetu ma' kompetituri ħafna ikbar.

Ħaġa oħra li diġa' aċċennajt għaliha u li nixtieq niftaħ ftit iktar fuqha hija li bil-koperativi l-ispejjeż jonqsu għax tkun tista' tixtri *in bulk*. Jien naf x'jiġifieri din il-ħaġa għax meta ngħaqadna ċerti ħwienet flimkien u xtrajna ċertu ammont ta' materjal flimkien, iffrankajna minn dak li xtrajna għax xtrajna *in bulk*. Imbagħad stajna nbiegħu lill-konsumatur bi prezz irħas, u allura gawda l-konsumatur filwaqt li l-qligħ tagħna kien ikbar. Meta jkun hemm l-għaqda l-qligħ jiżdied u l-organizzazzjoni timxi b'mod aktar effiċjenti mingħajr ħela ta' riżorsi umani u ekonomiċi. Kull persuna li taħdem hija spiża. Illum il-ġurnata biex tħaddem persuna miżerjament bil-paga minima għandek bejn Lm5,000 u l-Lm6,000, bil-bolla tas-sigurta' soċjali u l-affarijiet l-oħra bħal l-*leave* u s-*sick leave*. Dan ifisser li jekk wieħed jista' jnaqqas minn din il-ħaġa allura għandu jagħmilha. Mhux qed ngħid li bil-koperativi tnaqqas in-nies, anzi bl-organiżżazzjoni tista' żżid, pero' żgur li l-qligħ jiżdied.

Ħaġa oħra importanti li għandu jkun hemm sabiex ikun hemm il-progress u riżultati pożittivi fuq *medium* u *long-term* hi li jkun hemm *teamwork*. Ma jistax ikun li aħna l-Maltin inżommu l-mentalita' li rridu nieħdu *return* fuq l-investiment mil-lum għall-għada. Dan ma jistax ikun. Ma jistax ikun li ngħollu l-prezzijiet biex inkunu nistgħu nġibu l-qligħ jew ngħollu ċerti prezzijiet u mbagħad ma nkunux kompetittivi m'oħrajn. Dan irridu ndaħħluh f'rasna.

Tajjeb li nsemmi wkoll dak li qal Dr Godfrey Baldacchino fl-1990 f'*paper* li kien ħejja dwar w*orkers' co-operatives.* Kien qal hekk:

> *"The Maltese co-operative movement was ushered in specifically as a cost-saving, profit-enhancing measure, to boost agricultural efficiency and productivity. It involved no commitment to co-operative values".*

Dan ifisser li dawn daħlu fl-għama u ma kellhomx idea vera ta' xi tfisser koperativa. Dr Baldacchino kien u għadu *chairman* tal-bord tal-koperativi, jekk mhux sejjer żball. Hu ħadem ħafna għall-koperativi u rsista immensament. L-istess nista' ngħid għall-Maġistrat Dr Joe Cassar li kien responsabbli minn dan il-qasam meta kien segretarju parlamentari. Veru li kien hawn min ikkritika x-xogħol tiegħu imma żgur li l-ħidma tiegħu ħalliet riżultati tajbin għax fil-fatt kienu bdew jiżdiedu l-koperativi. Pero' l-koperativi rridu nagħmluhom fuq bażi soda u għalhekk din il-liġi qegħdin nagħmluha ħafna ntensiva. Din il-liġi fiha 'l fuq minn mitt klawsola barra l-kwantita` kbira ta' *schedules* li hemm biex l-organiżżazzjoni tkun waħda tajba. Il-koperattiva hi kwestjoni ta' fiduċja. Il-Malti verament jaħseb ħażin għax għadda minn esperjenza kerha, bħalma kellna fil-każ tal-bank tal-ħnieżer meta n-nies kienu investew ħafna flus biex imbagħad tilfu kollox, esperjenza qarsa ħafna.

Ħaġa oħra li l-Malti ma tantx jieħu pjaċir biha hi li jħallas it-taxxi. Għalhekk bilfors ikollok l-evażjoni tat-taxxa u ovvjament imbagħad ikollok l-ekonomija s-sewda. F'kelma waħda aħna poplu individwalista, kompetittiv u attent mir-riskji. Hawnhekk wieħed irid jgħallem lill-poplu Malti. Qegħdin fi żmien ta' progress kbir, fejn dejjem qed naraw tibdil kontinwu, pero' l-mentalita' tal-Malti għadha ma żviluppatx biżżejjed għal dan iż-żmien ta' progress. Jien nemmen li lill-poplu rridu ngħallmuh u mhux inbeżżgħuh. Irridu nneħħu dik il-mentalita' li missieri kien jaf kollox u jien nagħmel biss dak li jgħidli hu. Illum hawn mentalita' oħra. Illum hawn mentalita' żagħżugħa b'moħħ iktar miftuħ, moħħ li jista' jassorbi aktar dwar kif wieħed jista' jagħmel il-qligħ u l-investiment tiegħu.

Dan kollu rridu nagħrfuh imma diżgrazzjatament għadna bil-mentalita' li kapaċi nagħmlu l-*accounts* aħna kapaċi nagħmlu l-qligħ tagħna u kapaċi namministraw aħna. Illum hawn l-*accountants* u hawn ħafna kumpanniji li jagħmlulek l-istimi u l-*predictions* li jista' jkollok bżonn fl-industrija jew fl-investiment tiegħek. Tajjeb li wieħed jieħu dawn l-inizjattivi u jattwahom fil-kumpannija tiegħu. Ma rridux ninsew li biex ikompli jinkoraġġixxi l-koperattivi, il-gvern fl-1990 kien daħħal liġi li permezz tagħha dawk l-għaqdiet li jingħaqdu f'koperattiva jingħatalhom l-inċentiv li jiffrankaw 30% tat-taxxa mill-qligħ reġistrat, kuntrarjament għall-kumpanniji reġistrati li kellhom iħallsu ċerta rata. Sabiex jinkoraġġihom jingħaqdu f'koperattiva, lil dawk is-soċjejtajiet li mhumiex kumpanniji qatgħalhom 30% tat-taxxa mill-qligħ. Dan kien inċentiv ieħor minn dan il-gvern biex iħajjar it-tixrid tal-koperattivi. Din il-ħaġa għadha teżisti pero' aħna għadna ma fhimniex biżżejjed il-bżonn tagħha. Il-poplu Malti għadu jikkonsidra l-ispejjeż tal-*management* u tal-kumpannija bħala flus moħlija. Le, dawn m'humiex flus moħlija. Taf kemm taf *accountancy*, taf kemm taf tagħmel il-kontijiet, pero' ċerti *predictions*, ċerti sistemi aħjar tħallihom f'idejn nies esperti li qegħdin proprju fuq dan ix-xogħol, fejn jaraw kif jimxu diversi soċjetajiet oħra u b'liema tip ta' negozju qegħdin jimxu. Irridu nifhmu li dawn m'humiex flus moħlija imma huma flus dwar kif se tinvesti l-flus jew il-proprjeta' jew ħwejjeġ oħra.

Sur President, il-proċess demokratiku tal-koperattivi jinqasam fi tlieta, jiġifieri s-solidarjeta' tal-kumpanniji li jingħaqdu flimkien, is-sodisfazzjon mix-xogħol u l-qligħ ġust tal-ħidma u ta' l-investiment. Ma rridux noqogħdu ngħidu per eżempju li fil-koperattivi trid toqgħod timpjega n-nies. Kull persuna fil-koperattiva toħroġ is-sehem tagħha ta' investiment u jkollha persentaġġ ta' *return* mill-qligħ li jista' jkun hemm. Irridu nafdaw lil xulxin. Jekk aħna l-Maltin mhux se nidraw nafdaw lil xulxin u nieħdu r-riskji, allura nistgħu ma nagħmlu l-ebda liġi bħal din u nħallu kollox għaddej. Għandna okkażjoni sabiħa ħafna fejn nistgħu nagħtu l-koperazzjoni tagħna u ma nfallux f'dak li nagħmlu, speċjalment fejn tidħol il-kompetittivita` entitajiet żgħar li jagħmlu l-istess xogħol jistgħu jidħlu fi sħab ma' xulxin, jixtru l-prodotti tagħhom *in bulk*, jaħdmuhom u jbiegħuhom bi prezz kompetittiv. Għax hemm differenza bejn li tkun kompetittiva u li tikkopera. Hawn hu l-qofol ta' kollox.

Illum kulħadd jifhem li l-kompetizzjoni ġġib iktar investiment u li bil-kompetizzjoni l-konsumatur igawdi iktar, pero' bil-koperazzjoni, jiġifieri meta ningħaqdu flimkien, nafu x'jiġri. F'dawn l-aħħar żmenijiet kellna s-*supermarkets* li bir-roħs li kienu qed jagħmlu fuq ċerti prodotti ma kienx qed iħallilhom qligħ suffiċjenti. Veru li bil-kompetizzjoni jorħsu l-prezzijiet imma mbagħad ma nistgħux nesaġeraw f'pika ma' xulxin, pika bejn grupp ta' *supermarkets* u ieħor dwar min iraħħas fuq xulxin biex ikollu l-aktar parruċċani. Mhux kemm ikollok nies fil-ħanut jgħodd jew kemm ikollok nies jaraw il-vetrini imma li jgħodd fl-aħħar tal-ġurnata hu dak li tkun daħħalt u l-qligħ li jibqgħalek minnu u l-qligħ li jkollok minnu. Jista' jkun li tbiegħ fuq li tbiegħ imma finalment huwa l-qligħ li jgħodd. Kif tista' inti, tal-ħanut, bott *deodorant* li suppost

jinbiegħ Lm1.25, tixtrih Lm1 u tbiegħu 88c? Dan eżempju li mmissuh b'idejna kuljum. Wara li tħallas il-pagi u s-salarji ta' l-impjegati, wara li tħallas għas-servizzi bħad-dawl u l-ilma, u wara li tkun ippumpjajt ma nafx kemm flus biex tkompli tinvesti fl-azjenda - għax dawn trid tikkonsidrahom ukoll fil-*costings* tiegħek - xi qligħ jibqagħlek? Dan hu li jwassal għall-falliment u li jwassal biex ħafna azjendi jkollhom jagħlqu. Hawn Malta għandna opportunitajiet sbieħ u nistgħu mmissuhom b'idejna, imma wisq naħseb li m'aħniex napprofittaw ruħna minnhom.

Meta kont qiegħed naqra "*A window on the world at work*", rajt paġna fejn għandek *employed persons by type of industrial activity*, kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel. Stajt nara kemm kumpanniji jistgħu jingħaqdu flimkien f'dan il-ġeneru ta' xogħlijet li jistgħu jsiru sabiex il-ħaddiema jagħmlu l-investiment tagħhom f'dawn il-kumpanniji u jkollhom qligħ mix-xogħol li jagħmlu. Ikun hemm ukoll iktar motivazzjoni għax dak li jkun jgħidlek li jekk ibiegħ se jaqla' l-flus, se jżid il-qligħ u se jiżdiedu d-*dividends*. Dan nistgħu narawh u mmissuh b'idejna. Nerġa' ntenni li aħna l-Maltin forsi m'aħniex nafdaw lil xulxin biżżejjed meta għandna diversi oqsma fejn nistgħu naħdmu flimkien u se nsemmi l-ġeneru tiegħi, l-ispiżeriji.

Kemm hawn spiżeriji li jistgħu jingħaqdu u jaħdmu flimkien u jixtru prodotti flimkien u jbiegħuhom? Hawn Malta nġibu importazzjoni qawwija immens ta' mediċini, ditti differenti li ftit jew wisq kollha jagħmlu l-istess ħaġa. Jekk nieħdu l-*paracetamol*, naħseb li hawn 'il fuq minn mija u ħamsin prodott differenti ta' kumpanniji differenti, min ibiegħhom mod u min ibiegħhom mod ieħor. Jekk dawn jingħaqdu flimkien, dawn iċ-ċerti prodotti ġeneriċi jkunu jistgħu jġibuhom flimkien u b'hekk ikollna iktar qligħ għax inkunu qed inġibu bil-*bulk* u allura dak li jkun jiffranka u l-konsumatur jiggwadanja u l-qligħ imbagħad ikun ikbar. Għandna per eżempju ħwienet tax-xagħar li jbiegħu l-prodotti tagħhom. Għandna ħwienet tal-merċa, spiżeriji, ħwienet ta' l-għamara, ħwienet tax-xorb, aġenziji tax-xorb, *soft drinks* jew xorb alkoħoliku, kumpanniji tar-*real estate*, tal-*catering*, ħwienet taż-żebgħa, *electrical u plumbing goods* u mitt varjeta' oħra. Imma hawn Malta għandna ħaġa, minflok nagħmlu koperativi nagħmlu assoċjazzjonijiet.

Għandna per eżempju l-assoċjazzjoni tar-*real estate* li meta jinqala' xi ħaġa jew issir xi taxxa fuqhom jew ikun hemm xi żvilupp li jkun se jaffettwa l-qligħ tagħhom tarahom jinġabru flimkien u jagħmlu *general meeting,* pero' mbagħad kulħadd jaħdem għal rasu, kulħadd jgħolli u jinnegozja kif jidhirlu hu. Li kieku minflok assoċjazzjoni - fejn forsi għandu mnejn jagħmlu laqgħa ġenerali darba jew darbtejn f'sena jew ġieli ma jiltaqgħu qatt - jagħmlu koperativa bejniethom, dawn ikun jista' jkollhom ħafna iktar qligħ u b'hekk il-pajjiż ikun jista' jimxi iżjed 'il quddiem. Dan hu kunċett li rridu ndaħħluh anke f'affarijiet soċjali u kulturali.

Kemm għandna għaqdiet ta' diżabilita' hawn Malta - dak għax hekk u dak tad-*dyslexia* u ta' ħaġa u ta' oħra. Mhux aħjar kieku dawn jingħaqdu flimkien? Il-ministeru għall-politika soċjali qed jaħdem fuq il-volontarjat, imma l-iskop ewlieni jrid ikun li npoġġu kollha madwar mejda. Ejja niġbru dawk il-flus li qegħdin nagħtu għall-karita' lil dawn l-assoċjazzjonijiet u nagħmluhom kollha flimkien, f'but wieħed. Diġa' tkellimt f'okkażżjoni oħra fuq din il-ħaġa. Per eżempju fi żmien il-Milied, ir-radjijiet politiċi tagħna, radjijiet oħra bħal tal-knisja u soċjetajiet oħra jagħmlu l-ġbir tagħhom billi n-nies iċemplu numru tat-telefon - numru li jispiċċa bl-għaxra Lm10, numru li jispiċċa bil-ħamsa Lm5 u numru li jispiċċa bit-tlieta Lm3. Mhux aħjar kieku kellna nagħmlu kollox flimkien u mhux f'kompetizzjoni bejnietna dwar liema radju jew għaqda jiġbru l-aktar. Kultant lanqas biss ikun hemm rendikont ta' kif ikunu tqassmu dawn il-flus. Mentri jekk għandek koperativa, inti bilfors trid turi l-*audited accounts* u kulħadd ikun jaf x'sar mill-flus. Din ukoll hi importanti mhux fin-negozju biss imma anki fl-għaqdiet soċjali

u kulturali fejn jeħtieġ li jkun hemm aktar *accountability.* Veru li fil-passat saru xi tentattivi, Sur Presdient.

Niftakru fi anke fi żmien il-Partit Laburista - nikkoreġi ruħi jekk sejjer żball imma ili ħafna ninteressa ruħi fil-politika - meta kienu riedu jagħtu d-*drydocks* lill-ħaddiema, dawn ifferoċjaw għax qalulhom li l-impriża jridu jħaddmuha huma. Niftakru kif qamu l-ħaddiema dak iż-żmien. Għaliex beżgħu? Ejjew naħdmu flimkien u nġibu l-prodott hawn Malta biex naħdmuh u biex ikollna l-qligħ tagħna. M'għandniex għalfejn nibżgħu u naqtgħu qalbna. Niftakar li kien hemm settur ieħor tal-manifattura, dak tat-tessuti, fejn il-ħaddiema kienu ġew *redundant* u ngħaqdu f'koperattiva. Lil dawn bdew jagħtuhom xi biċċa xogħol 'il hemm u 'l hawn. Dawn ingħaqdu flimkien permezz tal-*GWU* u permezz ta' oħrajn u kienu bdew il-ħidma tagħhom, pero' ma kien hemm inċentiv ta' xejn u kienu spiċċaw jitolbu l-karita` meta suppost għamlu koperattiva! Il-koperattiva mhijiex hekk. Il-koperattiva hi dik is-sistema tal-liġi li qegħdin inpoġġu hawnhekk għall-attenzjoni tal-Kamra. Ejja npoġġuha fil-prattika.

Il-ministeru għas-servizzi ekonomiċi għandu jara li mhux biss jgħin lill-*SMEs* imma wkoll jara li dawn jingħaqdu flimkien. Issa qed naraw per eżempju l-pjan li hemm għal Ta' Qali, ħafna ħwienet żgħar, *huts* żgħar. Dawn se nibnuhom biex ikunu stabiliti imma kulħadd individwalment. Kieku dawk il-*huts* li hemm f'Ta' Qali, dawk tas-snajja', jingħaqdu flimkien u jagħmlu koperattiva, il-post jisbieħ ħafna iktar għax ikun hemm il-koperazzjoni ta' kulħadd u l-investiment joħroġ kollettivament. L-argument hu dwar kif jistgħu jakkwistaw iktar qligħ. L-istess qegħdin jagħmlu n-naħa ta' Ħal-Luqa, fejn hemm il-*barracks* tas-servizzi. Ħafna huma *welders*, tellara tal-karozzi, min jibni xi dgħajsa, funderiji u oħrajn. Kieku dawk ta' ġeneru wieħed kellhom jingħaqdu u jagħmlu l-investiment flimkien, f'Malta żgur li jkollhom għalqa kbira fejn jaħdmu. Pero' rridu nbiegħuha din l-idea. Irridu nfehmu lill-poplu li fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa u li l-koperazzjoni hi aħjar mill-kompetizzjoni. Dan hu l-argument li jrid isir.

Ejjew nuru fiduċja fina nfusna u mhux inkunu kawti, beżgħana u ma nafdawx lil xulxin. Ejja noħorġu dan l-investiment li għandna biex b'hekk ikollna organiżżazzjoni b'saħħitha ħafna, b'*financial management* u *financial plan* tajjeb. B'hekk żgur li jkollna l-qligħ li nixtiequ. B'koperazzjoni bħal din igawdi wkoll il-konsumatur. J'Alla li din il-liġi li jidher li għandha l-approvazjoni tal-Kamra kollha ssib is-suċċess tagħha. Is-suċċess tagħha ma narawhx issa għax dawn l-affarijiet jieħdu ż-żmien, imma ngħid ħaġa waħda. Din bdejniha fl-1947, emendajniha fl-1978 u erġajna tajniha spinta fl-1990, pero' xorta għadna ebsin wisq u m'aħniex nafdaw lil xulxin. Ma rridux nikkoperaw ma' xulxin. Imma nerġa' ngħid li fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa u j'Alla li din il-liġi tinbiegħ tajjeb permezz ta' programmi fuq ir-radju, fuq it-televiżjoni u b'mezzi oħra sabiex ikollna s-suċċess li nixtiequ. Irridu nkunu kompetittivi ħalli għada pitgħada meta nidħlu fl-Unjoni Ewropea ssir l-istess ħaġa.

Aħna rridu nidħlu fl-Unjoni biex nikkoperaw flimkien u hekk qed isir fl-Unjoni Ewropea. Il-prodotti kollha ta' dawn il-pajjiżi magħqudin flimkien qegħdin jinġabru kollha flimkien u jinbiegħu fl-istess organiżżazzjoni. Hekk ukoll il-koperativi. Aħna nistgħu nkunu kompetittivi ħafna, anke ma' pajjiżi Ewropej oħra jekk ningħaqdu flimkien u nafdaw lil xulxin. Nagħlaq billi ntenni li l-koperazzjoni hi aħjar mill-kompetizzjoni. Grazzi.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Iktar rimarki? L-Onor. Evarist Bartolo.

**ONOR. EVARIST BARTOLO:** F'dan il-qasam il-liġijiet huma importanti għax il-qafas legali li jirregola jista' jgħin jew itellef l-iżvilupp tal-koperativi. Pero' jsiru kemm isiru liġijiet -

u importanti li l-liġijiet isiru u li jiġu mtejba u aġġornati skond il-bżonnijiet taż-żmenijiet - ċertament li l-liġijiet waħedhom m'humiex biżżejjed għax mhux biżżejjed li nitkellmu fuq il-koperativi. Ma nistgħux nieqfu fuq il-livell li ngħidu kemm huma sbieħ il-koperativi għax il-kelma "koperativa" minnha nnifisha hi xi ħaġa sabiħa, xi ħaġa li suppost hi pożittiva. Jekk se nitkellmu fuq il-koperativi bis-serjeta', irridu nitkellmu fuq koperativi li huma viabbli u mhux koperativi finti li jitwaqqfu biex ngħidu kemm qed isiru affarijiet sbieħ. F'pajjiżna kellna ħafna każi hekk. Kellna ċimiterju sħiħ ta' koperativi finti li twaqqfu u li meta twaqqfu kien sar ħafna daqq tat-trombi. Każ minnhom hu dak li għadu kemm semma' l-Onor. Michael Bonnici, il-koperativa tal-*bookshop* ta' l-universita'.

Naħseb li mhux biżżejjed li jkun hemm l-awdituri li jaraw kif se jagħlqu l-kotba ta' dik il-koperativa u jaraw kif se jħallsu lura lil dawk li għandhom jieħdu l-flus – ma nafux jekk il-flus li għandhom jieħdu humiex Lm40,000, Lm45,000 jew Lm70,000 – imma jkun aħjar li jkollna daqsxejn ta' *X-ray* ħalli wieħed jara għaliex koperativa bħal dik falliet. Jekk qatt kien hemm koperativa li kellha tirnexxi, din kienet proprju l-koperativa tal-bejgħ tal-kotba fl-universita'. Din il-koperativa kellha suq għaliha, kellha monopolju sħiħ, u trid verament kapaċita' kbira biex jirnexxilek tfalli koperativa b'dak il-mod. L-aħjar hu li mhux biss wieħed jagħlaq il-kotba jew li jeżamina u janalizza l-kotba imma li jara tassew x'ġara u kif dik il-koperativa falliet u għaliex falliet. Nissuspetta li eżami bħal dan mhux se jsir. M*anagement audit* jew *performance audit* ta' dik il-koperativa mhux se jsir għax forsi hemm min għandu interess li jaħbi x'ikunu għamlu nies li wieħed kellu fiduċja fihom u li mbagħad għamlu qassata kbira. Għalhekk jekk qed nitkellmu fuq koperativi bis-serjeta' ma rridux sempliċement nagħmlu tifħir - ngħidlu jien ċerimonjal liturġiku - dwar kemm huma sbieħ il-koperativi.

Irridu nifhmu għaliex il-moviment tal-koperativi f'Malta ma nxteridx u ma qabadx daqskemm nixtiequ, b'liema impenn serju qegħdin f'dan il-qasam u x'għandu jsir jekk irridu tassew iktar koperativi. Dan sabiex l-ewwelnett il-koperativi li jeżistu jkunu koperativi serji u biex niżguraw li dawn il-koperativi jirnexxu mhux biżżejjed il-kliem sabiħ u l-liġijiet iżda jrid ikun hemm kompetenzi li jagħmluhom viabbli sabiex jitmexxew bis-serjeta' u jirnexxu. Dik hi ħaġa li għadha nieqsa f'għadd kbir ta' koperativi eżistenti - biex ma nakkuża lil kulħadd - u wkoll f'koperativi li qegħdin fil-lista imma li huma koperativi finta. F'dan il-qasam hemm bżonn ta' taħriġ serju biex il-koperativi li jeżistu jitmexxew kollha b'serjeta'. Hemm ukoll koperativi li qegħdin biss għall-isem u nemmen li jkun aħjar li ma noqogħdux insemmu kemm hawn għax fil-fatt meta nanalizzawhom insibu li qegħdin hemm biss għall-isem. Għalhekk hu importanti li t-tmexxija u l-immaniġġjar ta' dawn il-koperativi tkun serja għax ma jistax ikollna l-mentalita' li hemm bżonn ta' effiċjenza fil-*management* għas-settur privat jew għall-ażjenda kummerċjali organizzata b'mod tradizzjonali fejn għandek sid u għandek il-*management* tas-sid u għandek il-ħaddiema li jaħdmu għas-sid u jitħallsu mill-paga, imbagħad qisu meta niġu biex nitkellmu fuq koperativi dawk il-valuri kummerċjali ta' tmexxija effiċjenti qishom ma jgħoddux! Dan għax inqisu li għax hi koperativa, allura qisu erbgħa min-nies li ltaqgħu biex jaqsmu biċċa ħobż flimkien.

Il-koperativa hija l-qsim tal-ġid flimkien imma biex tirnexxi mhux biżżejjed hekk għax trid titmexxa b'mod serju. L-istess spirtu imprenditorjali u maniġerjali jrid ikun preżenti wkoll fil-koperativa. Jiena anzi ngħid li jrid ikun iżjed għax filwaqt li forsi organizzazzjonijiet oħra huma organizzati b'mod vertikali, fejn għandek min imexxi u min jordna u min jobdi, fil-każ tal-koperativi jridu jkunu iktar *empowered*. Irid ikun hemm iktar kultura ta' tmexxija fost il-membri nfushom biex imexxu bis-serjeta'. Għalhekk naħseb li hemm bżonn ta' edukazzjoni qawwija għall-membri tal-koperativi eżistenti. Jien naħseb li din qatt ma saret bis-serjeta'. Hemm taħriġ x'jista' jsir għal tmexxija serja tal-koperativi. Inutli li noqogħdu ngħaddu l-liġijiet

u nemendaw l-istess liġijiet minn żmien għall-ieħor jekk dan it-taħriġ ma jsirx. Fil-każ tal-koperativi mhux biss irid ikollok il-ħila maniġerjali, il-ħila li tmexxi u l-ħila imprenditorjali li tirnexxi fil-qasam kummerċjali, iżda hi wkoll kwistjoni li trid tbiddel il-kultura soċjali u l-attitudni.

Bħal ħafna soċjetajiet żgħar, gżejjer żgħar u pajjiżi żgħar tad-daqs tagħna, f'pajjiżna ma tantx hu faċli għall-koperativi li jaqbdu l-art. Ġieli jsemmu lil Ċipru bħala eċċezzjoni – il-moviment tal-koperativi f'Ċipru rnexxa iktar - imma hemmhekk hemm ċirkostanzi partikolari ġeopolitiċi u anke politiċi interni fejn il-moviment tal-koperativi ssaħħaħ, anke minħabba l-appoġġ politiku kbir li ngħata. F'pajjiżna sfortunatament, bħal f'ħafna soċjetajiet żgħar oħra, l-ispirtu tar-rivalita', l-ispirtu tal-konfront u l-ispirtu tan-nuqqas ta' qbil fil-mod ta' kif ngħixu fil-ħajja ta' kuljum huwa ikbar mill-ispirtu li naħdmu flimkien. Jekk wieħed janalizza ftit l-isforzi li jsiru fl-iskejjel tagħna biex tinxtered l-idea tal-koperativi u l-idea tal-koperazzjoni, hemmhekk issib li għandek kontradizzjoni kbira. L-ewwel kontradizzjoni hi li min-naħa waħda għandna sistema edukattiva fost l-iktar kompetittivi fid-dinja.

L-iskejjel tagħna ħafna drabi huma *pressure cooker,* fejn nitfgħu fihom l-istudenti minn eta' żgħira u fejn nesiġu li jitgħallmu ħafna affarijiet u ħafna drabi ħafna affarijiet bla sens. Ħafna drabi rriduhom jitgħallmu l-affarijiet bl-amment biex imbagħad jiġu ttestjati x'jiftakru fl-eżami u jikkompetu ma' xulxin min se jmur l-aħjar. Fis-sistema edukattiva tagħna, speċjalment fl-aħħar klassijiet tal-primarja, fis-sekondarja u post-sekondarja u anke fl-universita', ftit huma l-mumenti fejn qed ngħallmu lit-tfal jaħdmu flimkien u jikkoperaw flimkien. Jekk għandek sistema bbażata kollha kemm hi fuq il-pressjoni se jkollok min qed iħallas prezz uman qawwi.

Min f'dawn il-ġimgħat li għaddew ġie f'kuntatt ma' l-istudenti tagħna, kemm l-istudenti primarji li għamlu l-eżamijiet tal-*junior lyceum* u dawk li għamlu l-eżami ta' dħul komuni fl-iskejjel tal-Knisja, dawk li għamlu l-eżamijiet tas-*SEC* u tal-*Matsec* - tradizzjonalment dawn nirriferu għalihom bħala l-*"O" levels* u l-"*A*" *levels* - u dawk l-eżamijiet li għaddejjin bħalissa fl-universita', jinduna bil-pressjoni, bin-nervi u bil-mod diżuman li nittrattaw lill-istudenti tagħna. Qed inġiegħluhom iħallsu prezz għoli. Għalhekk tkellimt fuq din il-kontradizzjoni. Min-naħa waħda ngħidu li nixtiequ li jikber fihom l-ispirtu ta' koperazzjoni, li jaħdmu flimkien u li jifformaw koperattivi, imma mbagħad il-messaġġ il-ħin kollu mill-familja, mill-għalliema, mis-sistema nnifisha u mis-sistema ta' premijiet u kastigi, hu li s-sistema edukattiva tagħna tippremja biss lil min jaħseb għalih innifsu, lil min jaħseb għal rasu u lil min jiġi minn ta' quddiem f'din it-tellieqa. Jien wisq nibża' li l-moviment *SCOOPS* mhuwiex biżżejjed meta fil-fatt qed ngħidu li rridu ndaħħlu spirtu koperativ u spirtu ta' koperazzjoni fost il-ġenerazzjonijiet li telgħin. Dan hu moviment tajjeb u minn hawn nixtieq ngħidilhom prosit tax-xogħol li jagħmlu imma rridu nidħlu wkoll fil-qalba tas-sistema nnifisha.

Bis-sistema edukattiva tagħna, lill-istudenti qegħdin inġennuhom għax qed nitolbu ħafna minnhom u qed nagħmlu ħafna pressjoni fuqhom. Is-sillabi huma vasti u hemm ħafna suġġetti. Biex tagħqad, is-sistema edukattiva tagħna hija fost l-iktar li għandha suġġetti x'jitgħallmu l-istudenti u l-iqsar ħin biex jippreparaw u jistudjaw. Għalhekk inizjattivi bħal *SCOOPS* u t-tixrid ta' l-ispirtu ta' koperativi fl-iskejjel tagħna hemm min qed jarahom bħala ħela ta' ħin għax kollox "għaġġel għaġġel" peress li rridu nlaħħqu mas-sillabu u mas-suġġetti kollha. Meta titkellem ma' l-għalliema u tistaqsihom jekk ikollhomx ftit ħin biex jiddiskutu mat-tfal, biex jaħdmu flimkien u biex jisimgħu lil xulxin, dawn jgħidulek li m'għandhomx ħin għax iridu jgħaġġlu biex ilaħħqu mas-sillabu. Għalhekk kull bidla serja fis-sistema edukattiva tagħna għandha tkun mibnija fuq li jagħmlu inqas u dak li jagħmlu jagħmluh aħjar, biex ikun hemm

ċans li dawn jitgħallmu kif jikbru flimkien u mhux biss għaġġla biex jippruvaw ilaħħqu kemm jistgħu għall-eżamijiet. Din sfortunatament hi s-sistema edukattiva tagħna, mill-bidu sa l-aħħar.

Fil-livell post-sekondarju u iżjed u iżjed fil-livell terzjarju, sinċerament ngħid li qed inġennu lill-istudenti għax fl-istess xahar qed ikollhom *assignments*, testijiet u anke eżamijiet ta' l-aħħar. Minflok ma żviluppajna sistema li tkun iżjed umana, spiċċajna li ħadna l-agħar tas-sistema Ingliża u tas-sistema Amerikana, fejn għandek *credits* u eżamijiet f'salt. Għalhekk trid tinbidel is-sistema edukattiva biex f'kull ħaġa li nagħmlu jidħol iktar il-valur tal-koperazzjoni u li n-nies jaħdmu flimkien. Dan għandu jsir mis-sistema nnifisha u mhux biss billi jkun hemm ftit tagħrif dwar x'inhuma l-koperativi. Huwa ppruvat li fost l-iktar modi kif jitgħallmu t-tfal u ż-żgħażagħ hija li jitgħallmu mingħand xulxin billi jaħdmu flimkien. Fis-sistema edukattiva tagħna ftit huma l-mumenti li nħalluhom jagħmlu dan. Ir-riċerka ppruvat Ii l-metodu li għadna qed nużaw fis-sistema edukattiva tagħna hu metodu li l-inqas li jitgħallmu bih. Dan hu l-metodu fejn xi ħadd f'tarf ta' kamra jippriedka lill-oħrajn u dawn joqogħdu jisimgħu x'għandu xi jgħid. L-iktar mod kif aħna l-bnedmin nitgħallmu huwa minn xulxin billi naħdmu flimkien. Is-sistema edukattiva tagħna ftit li xejn tagħti spazju u opportunitajiet għal dan il-mod ta' edukazzjoni. Nerġa' nagħmel riferenza għall-moviment *SCOOPS* li għandna fl-iskejjel, Sur President.

L-ewwelnett il-preżenza tiegħu hemmhekk kibret fl-aħħar snin u wieħed jieħu gost li din kibret. Wieħed isib ukoll li l-iskejjel li qed jieħdu sehem f'din l-esperjenza koperativa għandhom ikunu iżjed milli huma. Jekk bejn wieħed u ieħor nieħdu l-iskejjel sekondarji biss u jekk tgħodd flimkien l-iskejjel tal-gvern, l-iskejjel tal-knisja u l-iskejjel privati u magħhom tieħu anke l-iskejjel speċjali fejn imorru persuni b'diżabilita', issib li għandna 74 skola fejn il-moviment *SCOOPS* jew l-esperjenza koperativa tista' tkun fihom. Jekk jien informat tajjeb minn 74 hemm biss 41. Hu veru li hemm ftit iktar min-nofs imma naħseb li iktar skejjel għandhom ikunu f'dan il-moviment u f'din l-esperjenza għax naħseb li hu importanti ħafna anki għall-iżvilupp tal-personalita' ta' l-istudenti tagħna. Dan sabiex l-istudenti ma jitgħallmux biss l-affarijiet bl-amment għall-eżamijiet iżda jitgħallmu l-ħiliet li se jkollhom bżonn meta jispiċċaw mill-iskola u jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Din il-firda llum m'għadiex tagħmel sens għax illum x'ħin tibda taħdem trid tkompli titgħallem biex taġġorna ruħek għall-bidliet li jkunu se jseħħu f'ħajtek.

Inħoss li din l-esperjenza koperativa trid issir iktar parti mill-qalba ta' l-esperjenza edukattiva kollha kemm hi. M'għandhiex tkun parentesi, m'għandhiex tkun ftit ħin mogħti mill-esperjenza edukattiva, imma għandha tkun parti integrali mill-esperjenza edukattiva fejn naħseb - u naħseb li anke f'pajjiżna dan hu bżonjuż - li hu importanti li fost l-esperjenza li jiksbu ż-żgħażagħ u t-tfal tagħna fil-qasam edukattiv, hemm dik li hi l-esperjenza demokratika ta' kif jgħixu flimkien u ta' kif jieħdu sehem sħiħ u ħaj f'dak li jkun għaddej madwarhom, kemm fil-qasam politiku kif ukoll fil-qasam ekonomiku. Għalhekk illum hemm moviment li jixtieq ixerred u jsaħħaħ il-kultura demokratika fl-iskejjel. Bħalissa hemm pajjiżi fl-aħbarijiet - qed nirriferi għar-Renju Unit - fejn il-politiċi f'daqqa waħda xxukkjaw irwieħhom fuq kemm waqgħet ir-rata ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini tar-Renju Unit fl-aħħar elezzjoni ġenerali. Din ir-rata niżlet għal xi 57% u hi l-inqas waħda fl-aħħar 80 sena. Issa diġa' qed jgħidu dwar kemm hu importanti li fl-iskejjel ikun hemm imbuttatura għal *citizenship education,* fejn l-istudenti tagħna jitgħallmu jedukaw irwieħhom dwar kif ikunu ċittadini ħajjin u attivi.

Il-koperativi ma jridux ikunu bħala parentesi fl-esperjenza edukattiva imma jridu jkunu parti sħiħa mill-qalb tas-sistema edukattiva. L-esperjenza tal-moviment favur id-demokrazija fl-iskejjel għandu l-għan li jxerred l-imġiba demokratika fl-iskejjel, mhux biss il-valuri demokratiċi li titgħallem minn fuq il-ktieb fl-istudji soċjali jew f'xi suġġett ieħor, iżda kif tgħix id-demokrazija fl-iskejjel. Għalhekk wieħed jara li l-esperjenza koperativa fl-iskejjel tissaħħaħ

jekk per eżempju jissaħħu l-kunsilli ta' l-istudenti fl-iskejjel u li l-istudenti nfushom jieħdu sehem fit-tmexxija anki ta' l-iskejjel tagħhom. Kif nippretendu li ntellgħu t-tfal tagħna passivi u kważi nippremjawlhom l-ubbidjenza u l-passivita' fis-sistema edukattiva tagħna! Kważi kważi valur sabiħ fl-iskejjel hu kemm it-tfal huma kwieti u mhux l-ewwel darba li wieħed iqabbilhom ma' ċimiterji għax hemmhekk issib il-kwiet! Ma tistenniex li jkollok il-kwiet fl-iskejjel mimlijin tfal ħajjin li jixtiequ jesprimu ruħhom. Ħafna drabi s-sistema edukattiva tagħna għadha tippremja l-ubbidjenza u s-skiet fuq il-koperazzjoni, fuq il-ħidma u fuq l-inizjattivi. Għalhekk illum f'pajjiżi oħra fid-dinja hawn il-moviment għall-iżvilupp demokratiku u koperativ fl-iskejjel.

Naħseb li anke f'pajjiżna għandna naħdmu b'dan il-mod sabiex id-demokrazija fl-iskejjel tissaħħaħ billi jkollna kunsilli ta' l-istudenti li jieħdu sehem fit-tmexxija ta' l-iskejjel. B'dan il-mod jissaħħaħ l-iżvilupp u l-parteċipazzjoni fil-ħajja ekonomika billi tgħallem u teduka lill-istudenti l-valuri, l-imġiba, l-attitudni u l-ħiliet li għandhom bżonn biex jirnexxu fil-qasam ekonomiku. Biex jirnexxu fil-qasam ekonomiku għandhom bżonn il-ħiliet u l-kultura imprenditorjali, kemm jekk se jwaqqfu koperativa u kemm jekk se jwaqqfu ażjenda kummerċjali. Hi tip ta' kultura li tqis li l-flus ma jaqgħux mis-sema imma li trid taħdem għalihom, kif ukoll dwar kif għandek torganiżża ruħek u tbiegħ il-prodott jew is-servizz li għandek. Hu importanti li nedukaw lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna fuq dawn l-affarijiet kollha.

Meta llum iż-żgħażagħ joħorġu mill-iskola fl-eta' ta' 16-il sena, f'pajjiżi oħra jitqiesu li se jkollhom bżonn dak li jissejjaħ erba' tipi ta' litteriżmu, fosthom hemm dak li tkun taf tikteb u taqra. Dan hu importanti u xi ħaġa li rridu naħdmu għaliha għax għad hemm adoloxxenti li joħorġu wara 12-il sena skola u għad għandhom problemi fil-kitba u l-qari. Irid ikollhom dik żgur u jrid ikollhom il-ħila li jieħdu sehem fil-ħajja billi jkollhom il-ħiliet li għandhom bżonn tal-lingwi, tal-matematika, tax-xjenza u tal-*computers*. Jekk ma jkollhomx dik se jaqgħu lura u se jiġu esklużi kemm mill-ħajja politika kif ukoll mill-ħajja ekonomika, kemm jekk jidħlu fil-qasam tal-koperattivi u kemm jekk jidħlu fil-qasam tal-kumpanniji kummerċjali. Imbagħad irid ikollhom dawk li jitqiesu bħala l-ħiliet ekonomiċi biex jirnexxu fl-ekonomija, it-tagħrif li għandhom bżonn, l-attitudnijiet, il-ħiliet biex jirnexxu u l-ħiliet biex jieħdu sehem u jaħdmu m'oħrajn. Dawn huma affarijiet li rridu naħdmu ħafna u ħafna iżjed fuqhom għax ċertament li m'humiex biżżejjed.

Irridu niżguraw li jkollna koperattivi serji u mhux koperattivi finta biex taparsi ngħidu kemm qed jiżviluppaw il-koperattivi. Din kienet il-moda qabel l-1996, fejn twaqqfu għadd ta' koperattivi fl-universita' li fallew jew kważi fallew u ma nafux fejn marru l-eluf kbar ta' liri li kienu ħadu. Dawn huma affarijiet li jagħmlu ħsara lill-moviment tal-koperattivi. Kull koperattiva li mhix immexxija b'mod serju u kull koperattiva li tfalli hi eżempju ħażin fuq il-koperattivi. Inutli li min-naħa waħda noqogħdu ngħidu lill-istudenti fl-iskejjel sekondarji kif iwaqqfu koperattiva, kif imexxu koperattiva u kif jaraw li dik il-koperattiva tirnexxi, jekk imbagħad fil-pajjiż in ġenerali l-koperattivi ma jitmexxewx b'mod serju. Għalhekk semmejt il-bżonn ta' edukazzjoni u taħriġ għal tmexxija serja tal-koperattivi eżistenti sabiex imbagħad ikunu jistgħu joperaw f'realta' ekonomika u soċjali li fiha jkunu jistgħu jirnexxu.

Meta tkellem qabli l-Onor. Michael Bonnici kien qed iqabbel l-Unjoni Ewropea ma' xi koperattiva kbira. Jiena tbissimt għax bħalissa - mhux biss bħalissa – ma tantx tista' tqabbel lill-Unjoni Ewropea ma' xi koperattiva għax ir-regoli tagħha m'humiex l-istess għall-membri kollha. Kont se ngħid: Staqsi lill-Irlandiżi! Imma staqsi lill-pajjiżi ż-żgħar li, speċjalment wara t-Trattat ta' Nizza, żgur li ma jħossux li huma f'xi koperattiva fejn huma soċji indaqs bl-istess drittijiet. U dan minħabba li l-kbar ħadu iktar drittijiet għalihom. Waħda mill-affarijiet li ma

semmiex l-Onor. Bonnici hi li bid-dħul fl-Unjoni Ewropea, il-koperativi li għandna eżistenti f'pajjiżna tingħatalhom id-daqqa tal-mewt għax mhux se jkunu jistgħu jibqgħu viabbli. Inutli noqogħdu nużaw kliem sabiħ, sentimentali u romantiku jekk imbagħad fir-realta' soċjali, ekonomika u politika li tinħolqilhom lil dawn inkunu qed indaħħluhom f'baħar fejn jispiċċaw jegħrqu. Meta wieħed jgħid hekk mhix kwestjoni li wieħed joqgħod ibeżża'. Ir-realta' hi hekk, u jekk ma jkunux viabbli lanqas kumpanniji kummerċjali li jitmexxew b'mod tradizzjonali ta' sid, m*anagement* u ħaddiema ma se jirnexxu, lanqas dawk li jitmexxew bi prinċipji koperativi għax sempliċement jitmexxew bi prinċipji koperativi.

L-istess per eżempju meta nsemmu l-globalizzazzjoni u l-kompetizzjoni. Proprju minħabba min imexxi l-koperativi llum hemm bżonn li jkollhom preparazzjoni li tinkludi iktar ħiliet milli qatt kellhom fl-imgħoddi. Dan minħabba li s-sistema, ir-realta' ekonomika, soċjali u politika li jħabbtu wiċċhom magħha u l-isfidi l-ġodda li għandhom, se jkollhom bżonn ħafna iktar ħiliet biex jirnexxu. Imma nkunu qed nidħku bina nfusna jekk noqogħdu nsemmu biss il-virtujiet tal-koperativi qishom il-virtujiet waħedhom b'mod mistiku, b'mod misterjuż u b'mod mirakuluż, se jirnexxu u se jibqgħu fil-wiċċ għax sempliċement huma tal-koperativi!

Min iħobb il-koperativi u min jixtieq jara l-koperativi jirnexxu u jimxu 'l quddiem għandu jagħtihom is-saħħa u l-ħila. Dik il-ħila ma toħroġ mill-ebda liġi imma toħroġ mill-investiment fin-nies li jmexxu dawn il-koperativi jew li jridu jiffurmaw il-koperativi biex ikollhom il-ħiliet meħtieġa ħalli jmexxu l-koperativi bis-serjeta' sabiex dawn ikunu jistgħu jirnexxu. Għalhekk hu importanti li jkollok qafas ta' liġi li jmexxi 'l quddiem dawn iI-koperativi, imma l-qafas ta' liġi waħdu mhux biżżejjed. X'qed nagħmlu ġdid bit-tibdil li se jseħħ permezz ta' l-liġi? Xi spinta qed jingħataw il-koperativi biex fejn qabel kienu jfallu issa jibdew jirnexxu? X'hemm ġdid f'din il-liġi biex tgħin iktar lill-koperativi jiffaċċjaw l-isfidi li għandhom illum u iktar u iktar li se jkollhom għada? Għedt li kemm il-qafas legali u dak politiku li fih jitmexxew huma importanti, imma fl-aħħar mill-aħħar hu importanti ħafna l-mod ta' kif jitmexxew. Imbagħad hemm ċerti mistoqsijiet li jqumu meta taqra l-liġi, Sur President.

Per eżempju, jien ma nifhimx subklawsola (3) ta' klawsola 36. Jien nifhimha li min hu membru fil-koperativa bilfors irid imur quddiem it-tribunal. Qed nagħmel dan il-punt minħabba li jekk tara l-liġi, din tagħmel riferenza li min jidħol f'koperativa jrid joqgħod mill-ewwel għal dak li jgħid it-tribunal. Għalhekk il-mistoqsija tiegħi hi: Dawn ma jistgħux imorru quddiem qorti meta jkun hemm xi diżgwid jew meta jkollhom bżonn jieħdu xi passi dwar xi ħaġa li huma jaraw li ma saritx kif suppost? Din hi mistoqsija li ma nafx jekk ġietx imwieġba diġa' mill-kollegi li tkellmu qabel, imma naħseb li hi mistoqsija li ta' min iweġibha peress li tqajjem il-kwistjoni li qed ngħid hawnhekk għall-parti li tgħid li:

> "Kull kwestjoni li tinqala' dwar xi waħda mill-affarijiet imsemmiha f'artiklu 190, għandha tiġi riferuta għall-arbitraġġ minn arbitru li jinħatar mill-president taċ-ċentru dwar l-arbitraġġ u l-membri tas-soċjeta' għandhom jikkonformaw ruħhom skond il-lodi li jingħata mill-arbitru. Is-sħubija f'soċjeta' awtomatikament timplika ftehim taċitu minn naħa tal-membri li jkunu se joqogħdu għall-arbitraġġ, kif hawn aktar qabel imsemmi."

Jiġifieri minbarra ċ-ċentru dwar l-arbitraġġ, il-membri jew soċji tal-koperativi se jiġu mċaħħda minn rimedji oħra?

Imbagħad hemm il-kwestjoni ta' klawsola 40, subklawsola (3) fejn qed jingħad li:

> “Il-validita’ ta’ kull regola magħmula jew ta’ kull kuntratt li jkun sar mis-soċjeta’ kif provdut f’dan l-artiklu, m’għandhiex tkun milquta minħabba l-fatt biss li jkun jikkostitwixxi kuntratt li jrażżan il-kummerċ."

Naħsbu li din tilqa’ għas-sentenza li ngħatat fil-kwestjoni ta’ l-*MDP*, li hi sitwazzjoni kkomplikata? Din hi sentenza ta’ każ li hu kkomplikat ħafna. Din il-parti ta’ klawsola 40 tilqa’ għar-realtajiet li nħolqu wara li ngħatat dik is-sentenza? Tista’ per eżempju l-liġi tibqa’ torbot lill-membri mnejn jixtru l-affarijiet tagħhom fid-dawl ta’ dik is-sentenza li ngħatat?

Issemma’ wkoll li b’din il-liġi se tiżdied l-awtonomija. Fl-istess ħin f’din il-liġi hemm affarijiet li ma tantx juru li din l-awtonomija se tiżdied għax jekk wieħed jara subklawsola (1), ta’ klawsola 49 naqraw li:

> "L-awditur ta’ soċjeta’ għandu jivverifika l-kontijiet u *records* oħra rilevanti tas-soċjeta’. Għandu minnufih jiġbed l-attenzjoni tal-bord tal-koperativi u, meta jkun jidhirlu li hu xieraq, tas-soċjeta’ jew ta’ x’uffiċċjal tagħha.“

Dan ifisser li meta l-awditur jagħmel ir-rapport tiegħu, mhux se jgħid li se javża lis-soċjeta’ nnifisha jew lill-koperattiva nnifisha iżda lill-bord tal-koperativi. Ma naħsibx li affarijiet bħal dawn juru b’xi mod li din l-awtonomija qed tiżdied!

Hemm imbagħad il-kwestjoni tal-fond ċentrali u ta’ l-*APEX*. Meta titkellem ma’ nies mill-qasam tal-koperativi, anke ma’ nies ta’ fehmiet politiċi differenti - jiġifieri ma jkunux nies li qed jaraw l-affarijiet biss mill-perspettiva tal-politika kontra l-gvern tal-ġurnata imma hemm minnhom li anke jappoġġjaw lill-gvern tal-ġurnata - tara li dawn għandhom sfiduċja kbira jew biża’ kbira ta’ kif jiġi amministrat il-fond ċentrali fid-dawl ta’ l-esperjenza li kellhom qabel l-1996. Il-fond ċentrali, mis-sehem ċentrali li kellu, minn qasam strateġiku li suppost kellu, kien ġie ridott mill-gvern Nazzjonalista ta’ qabel l-1996 għal sotto-kumitat fejn jiġi kkontrollat politikament. Dawn in-nies li jaħdmu fil-qasam tal-koperativi jħossu - u nerġa’ ngħid nies ta’ fehmiet politiċi differenti - li ma jistgħux jafdaw lill-gvern tal-ġurnata għall-mod kif kien amministra l-fond ċentrali u jibżgħu li jista’ jerġa’ jiġi amministrat hekk.

Din hi ħaġa li ma tistax tbiddilha sempliċement b’liġi. Hi kwestjoni ta’ kif tibni l-fiduċja. Hi xi ħaġa li tmur 'il hinn minn x’taħseb u x’tipprovdi l-liġi, imma ta’ min isemmiha jekk irridu li tiżdied l-awtonomija tal-koperativi sabiex dawn jieħdu r-ruħ u jmexxu. Meta wieħed jgħid li l-koperativi għandhom isiru iktar awtonomi, fl-istess ħin wieħed ikun qed jgħid li jridu jsiru wkoll iktar *accountable*. Ma jistax ikun li għax inti koperativa ssir privileġġjat jew li ma tkunx *accountable* għall-poteri ġodda li tingħata. Il-bord tal-koperativi għandu jaħdem sabiex l-isfiduċja u l-biżgħat li hemm jingħelbu u dawn jingħelbu mhux bil-liġi imma bl-eżempju, bil-prattika u bil-fatti biex ir-reżistenzi u biżgħat, kemm jekk huma fir-realta’ u kemm jekk huma fil-perċezzjoni, fil-moħħ, jinbidlu fid-dawl ta’ ċirkostanzi u esperjenza ġdida. S’issa jidher li dawn il-biżgħat għadhom hemm u naħseb li l-bord tal-koperativi jrid jaħdem iżjed biex jegħleb dawn il-biżgħat.

Hu importanti ħafna li f’dak li għandu x’jaqsam mal-qafas politiku li jkun qed jaħdem fih, il-bord tal-koperativi jmexxi tassew u li l-koperativi jiġu l-ewwel għalih. Il-bord għandu jħares lejn l-interessi tal-koperativi u mhux lejn l-interessi partiġġjani tal-gvern tal-ġurnata. Mhux se nidħol f’każ li bħalissa għadu quddiem it-tribunal industrijali, dwar kif kien ġie reklutat *assistant manager* mill-bord tal-koperativi lejliet l-elezzjoni ta’ l-1996. Iżda jekk isiru dawk it-tip ta’ maniġġi li saru żgur li ma jawgurax tajjeb għall-mod kif jitmexxew il-koperativi. Jekk ikun

hemm maniġġi biex jiġu ffavoriti xi persuni, jekk ir-regoli ma jgħoddux għal kulħadd imma xi ħadd jiġi vvantaġġjat biex jiġi rreklutat - jew xi ħadd li suppost jeħel multa u dik il-multa ma jeħilhiex għax imur għand il-ministru u dak il-ministru jaqbeż għalih - dak ma jkunx il-mod ta' kif insaħħu l-awtonomija tal-koperativi u lanqas il-mod ta' kif nagħtu ħajja ġdida lill-koperativi, iżda hu l-mod kif lill-koperativi ndakkruhom bl-agħar vizzji li għandna fit-tmexxija ta' pajjiżna, fejn hawn min li għax sempliċement ikun ta' partit jaħseb li għandu l-immunita' u li l-liġijiet u r-regoli ma jgħoddux għalih. Dawn huma affarijiet li ma jagħmlux ġid lill-koperativi.

L-aħħar kumment li nixtieq nagħmel hu li tbissimt mhux ħażin meta kont qed naqra t-tieni taqsima dwar it-twaqqif, il-funzjonijiet, il-poteri u l-għamla tal-bord. Dan minħabba li fi klawsola 4 sibt li l-bord tal-koperativi se jkun magħmul minn president u minn mhux inqas minn żewġ u mhux iżjed minn sitt membri oħra. Din hi l-parti li ġegħlitni nitbissem. Il-membri tal-bord, magħdud il-president, ikunu maħtura mill-ministru minn fost persuni li fil-fehma tiegħu għandhom esperjenza ta' jew juru ħila fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-koperativi, l-agrikoltura, l-industrija, l-organiżżazzjoni tal-ħaddiema, il-kummerċ, il-finanzi jew l-amministrazzjoni. Jien tbissimt għax l-Onor. Lawrence Gonzi kien wieħed minn dawk li kien tkaża bija għal dak li kont għedt fuq il-ħatra tal-bord tal-fondazzjoni għas-servizzi edukattivi, fejn għedt li dawk huma ħatriet politiċi u jagħmilhom il-ministru tal-gvern tal-ġurnata. Lili l-Onor. Gonzi kien akkużani li rrid inqaċċat u naqta' l-irjus. Kien hemm oħrajn li tawni aġġettivi isbaħ u qabbluni ma' Milosevic u tgħidx kemm smajna aġġettivi u attribwiti sbieħ. Issa jien ħsibt li fl-ewwel abbozz ta' liġi li se jressaq l-Onor. Gonzi, il-mod ta' kif jaħtar il-bord ħsibtu se jkun differenti.
Jien għedt li iktar milli forsi jaħtru l-ministru, jista' forsi jkun hemm xi intervent divin jew intervent extra-terrestru ħalli ma jkunx il-ministru tal-gvern tal-ġurnata li jaħtar dak il-bord tal-ġurnata! Stennejt li se ningħata eżempju ġdid, mudell ġdid ta' kif taħtar il-bord, u sibt li qed jaħtru kif inħatru s'issa ħafna bordijiet u kif ma' kull bidla ta' ministru - mhux biss tal-gvern ngħid imma anki ta' ministru - il-biċċa l-kbira ta' dawk il-membri jagħtu r-riżenja tagħhom. Jekk il-ministru l-ġdid jew il-gvern il-ġdid ikollu pjaċir bihom iżommhom u jekk ma jkollux pjaċir bihom ibiddilhom. Dawn l-affarijiet suppost li huma normali. Imma għandu jkun f'pajjiżna l-affarijiet huma normali jew mhux normali skond min jagħmilhom u mhux fuq il-mertu tagħhom infushom! Mela l-Onor. Gonzi jista' jbiddel u jaħtar lil min irid, u ministru ieħor, kemm tal-gvern tiegħi jew ta' gvern ieħor, ma jistax jgħid li dak il-bord kif inhu kostitwit ma jogħġbux u li se jżomm jew se jneħħi xi membri jew li se jaħtar xi membri oħrajn. Qed ngħid dan għax hi ħaġa ċara ħafna.

L-istorbju, l-isteriżmu u l-mod kif l-affarijiet ġew minfuħa b'mod assolutament mhux proporzjonat jew mhux relatat mar-realta' u mal-verita', iktar jixlu lil min joqgħod jitkaża b'dawn l-affarijiet. Dan meta nafu li ma' kull bidla li sseħħ - anki fl-aħħar bidla li saret f'Settembru ta' l-1998 - ħafna mis-segretarji permanenti kitbu lil min kien f'ħatra politika f'bordijiet u kumitati oħrajn, u qalulhom sabiex jissottomettu r-riżenja tagħhom biex il-gvern jagħmel il-bidliet li jidhirlu mixtieqa. Li tagħmel dawn l-affarijiet u li tgħid li se tagħmel dawn l-affarijiet, ikollna ħafna min jitkaża u min jgħid ħafna kliem qisu qed issir xi ħaġa ta' barra minn hawn jew qisu xi ħadd irid jaqta' l-irjus! Hu importanti li wieħed jaħdem biex itejjeb il-liġijiet li hemm bżonn u l-liġijiet li jridu jiġu rranġati. Il-liġijiet huma importanti, pero' jekk aħna rridu li f'pajjiżna l-moviment tal-koperativi jissaħħaħ, hu importanti li min imexxi l-koperativi jingħata t-taħriġ li hemm bżonn biex dawn il-koperativi jirnexxu.

It-taħriġ fl-edukazzjoni irid isir kemm fuq livell ta' formazzjoni ta' kultura ġdida ta' kif tikkopera, ta' kif taħdem id f'id ma' sħabek u wkoll il-bżonn tal-ħiliet biex tmexxi u tirnexxi fil-qasam li tkun dħalt għalih. Dan il-qasam illum għandu iktar sfidi biex jirnexxi fl-ambjent soċjo-

ekonomiku. Għalhekk il-bżonn ta' taħriġ fl-edukazzjoni hu iżjed importanti minn qatt qabel, kemm għall-koperativi eżistenti kif ukoll għal dawk li jridu jiffurmaw koperativi ġodda. Grazzi.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Joe Debono Grech.

**ONOR. JOE DEBONO GRECH:** Mr Speaker, mhux se nieħu fit-tul fuq il-kwestjoni tal-koperativi. Jiena smajt lill-kollega tiegħi, l-Onor. Michael Bonnici, li qal li l-poplu Malti jibża' minn ċerti affarijiet. Nista' nifhem għala l-poplu jibża' għax mhux il-bank tal-ħnieżer biss kellu imma kellu wkoll każi oħra bħal tal-*Bank of Alderney*, tan-*National Bank of Malta* u tal-*BICAL.* Kull meta l-poplu Malti fada flusu, diżgrazzjatament dejjem kellu esperjenzi qarsa ta' nies li ma ħadulux ħsieb l-affarijiet tiegħu u ma għenuhx biex imur aħjar.

Kif qal sieħbi l-Onor. Evarist Bartolo, aħna bħala partit naqblu mal-koperativi u ninkoraġġuhom pero' jiena dejjem għedt, sħaqt u emmint li rridu nibdew bil-koperativi mill-iskejjel sekondarji. Irridu nġiegħlu lill-istudenti jifhmu li hemm bżonn li jikkoperaw flimkien fin-negozju, anke fil-koperativi. Jekk mhux se tibda minn meta jkunu żgħar ħalli ddaħħal dan il-kunċett f'moħħ iż-żgħażagħ, ikun diffiċli biex imbagħad jaqblu l-kbar. Aħna kellna ħafna koperativi li ħadmu flimkien, fosthom il-koperativi tal-bdiewa. Imbagħad kellna l-*unions* tal-bdiewa li fihom infushom kienu koperativi. Kellna l-koperativa tat-tadam t'Għawdex li, kif taf int Mr Speaker, kienet waħda mill-iktar koperativi b'saħħithom li kien hemm f'Għawdex li kieku ma daħħalx denbu x-xitan.

Il-koperativa tat-tadam f'Għawdex kienet b'saħħitha iżda għadda żmien ikrah minn fuqha u tfarrket, u kien bis-saħħa ta' Mons. Gauci li din reġgħet ġiet fuq saqajha. Dan reġa' ġab lill-membri u ħadem biex lill-koperattiva reġa' ġabha b'saħħitha. Din il-koperativa kienet tħaddem ċerta numru ta' nies meta ma kien hemm l-ebda fabbriki ġewwa Għawdex u kienet miexja 'l quddiem. Iżda f'daqqa waħda kien hemm min kellu interess li jkisser lil din il-koperativa u lill-bdiewa qallhom li bl-affarijiet li għandhom ġo Għawdex se jmorru 'l quddiem jekk jibqgħu jaħdmu hemmhekk. Imma nafu x'għamlilhom u kif ġrat l-istorja! Din il-koperativa tfarrket minħabba li bdew jagħtu prezzijiet aħjar lill-bdiewa għall-ewwel.

Niftakar li l-monsinjur fil-laqgħa ġenerali kien qalilhom li veru li dakinhar kien hemm min għandu interess li jagħti prezz aħjar għall-prodotti tagħhom, imma l-bidwi Għawdxi kien qed jara sal-ponta ta' mnieħru għax sa wasal biex il-prodott tiegħu flok beda jagħtih lill-koperativa beda jagħtih lil ħaddieħor. Għadda ż-żmien u l-koperativa tfarrket u llum dawn il-bdiewa ġew *at the mercy* ta' tnejn min-nies li jgħidulhom huma kemm hu l-prezz tal-prodott tagħhom, tat-tadam u ta' l-affarijiet l-oħra kollha. Il-koperativa ġiet *seasonal* imma qabel ma kenitx *seasonal*! Allura bilfors li meta tibda tara dawn l-affarijiet issib li ma jaqbillekx tkun f'koperativa. Jiena mhux qed inkun negattiv imma qed ngħid x'jagħmlu u x'iħossu n-nies.

Per eżempju, waħda mill-koperativi li kellna - waħda li għadha b'saħħitha sal-lum - hija l-koperativa tal-majjal li fiha hemm nies li jaħdmu. Nixtieq insemmi wieħed, il-ħabib tiegħi Edwin Bartolo, li minkejja li l-gvern preżenti fi żmenijietna għamillu ħafna bsaten fir-roti, xorta ħadem u stinka biex il-koperativa tal-majjal tmur 'il quddiem. Il-kumitat kollu ħadem u ta' dan nifraħlu għaliex il-koperativa hi b'saħħitha bis-saħħa tagħhom. Dawn in-nies sabu ħafna ostakli biex ma jkomplux. Jiena mhux qed ngħid għal-Laburisti, għax hemm persuni miż-żewġ naħat li ħadmu ħafna u sabu ostakli minn kulħadd biex din il-koperativa titkisser. Meta kont ministru, u dawn kienu jiġu quddiemi, niftakar li waħda mill-problemi li kellhom kienet li l-*processors* iridu l-prodott tal-majjal mingħajr ma jintrabtu kemm se jieħdu u ma jeħdux. Ma jistax ikun li l-ewwel trabbi u mbagħad li jkollok tarmieh. Din il-koperativa tant ħadmet bil-għaqal li bl-

għajnuna t'Alla ma missitniex il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer. Kull individwu li hemm f'din il-koperativa ħadem f'dan is-sens.

Kellna wkoll koperattivi oħra bħall-koperativa li kienet iġġib iż-żrieragħ tal-patata lill-bdiewa, li min-naħa tagħhom kienu jmorru tajjeb. Din kienet tagħżlilhom l-aqwa żrieragħ u kienu jmorru aħjar. Kellna koperativi oħra. Kellna koperativa fejn konna ngħidu lin-nies biex jitilqu minn mal-gvern, jagħmlu koperativa u nagħtuhom xogħol garantit, bħalma issa għandna l-koperativa taż-żibel. Kif qal sieħbi, jekk għada se nidħlu fl-Unjoni Ewropea, din il-koperativa ma tistax tmur u tagħmel it-teatrini li jsiru llum, fis-sens li jekk kunsill lokali individwali ma jingħatax kuntratt, jidħol il-qorti u partita storbju u strajkijiet. Dan minħabba li m'hemm l-ebda monopolju. Irridu ndaħħluha f'moħħ min se jwaqqaf koperativa li b'koperativa ma jfissirx li jkollok monopolju tas-servizz jew prodott. Il-gvern kien qiegħed iwiegħed lil dawn in-nies - bħal dawk li jagħmlu s-*signs*, il-koperativa tal-ġebel u l-koperativa tar-*refuse* - li se jintrabat li l-kuntratti jeħduhom bilfors huma. Dan ma tistax tagħmlu għax inkella se tispiċċa b'monopolju.

Mr Speaker, assolutament ma naqbilx ma' dak li qal l-Onor. Michael Bonnici li jekk nidħlu fl-Unjoni Ewropea jissaħħu l-koperativi. Din irridu naqtgħuha għax qisu jekk nidħlu fl-Unjoni kollox se jiġini żewġ. Dalwaqt jibdew jgħidulna li min jissieħeb fl-Unjoni jkun qed jidħol f'xirka tal-qaddisin u jkollu t-triq imwittija għall-ġenna għax la jkun hemm bżonn tqerr, la titqarben u lanqas tagħmel xejn! Imma ta' l-Ewropa kollu tajjeb u min hu fl-Unjoni jibqa' tiela' l-ġenna u min hu barra mill-Unjoni ma jidħolx! Dan qisu bħal meta marru l-appostli u qalulhom li min ikun barra mill-knisja ma jsalvax. Se nibdew ngħidulhom li jekk tkun fl-Ewropa kollox tajjeb se jkun hawn? Għaliex ma nibdewx ngħidu li kull min qiegħed fl-Ewropa ma jmutx? Ma baqax x'ngħidulhom iktar lin-nies. Il-koperativi fl-Ewropa huma b'saħħithom għaliex il-membri tagħhom fehmu u ġew edukati dwar it-tifsira tal-koperativa. Dawn tgħallmu jikkoperaw u jaħdmu ma' xulxin. Dan hu li rridu nagħmlu u mhux noqogħdu nitkellmu fl-arja.
Jiena niftakar li n-Nutar Miriam Spiteri Debono, meta kienet chairperson tal-koperativi, ħadmet ħafna biex għamlitilhom il-liġijiet u r-regolamenti minħabba li dawn isem ta' koperativi biss kellhom. Fil-fatt kien sar ħafna xogħol. Jiena mhux qed ngħid li l-gvern Laburista għamel ix-xogħol kollu u li l-gvern Nazzjonalista m'għamel xejn. Iż-żewġ gvernijiet ħadmu biex isaħħu lill-koperativi, imma mhux għax ngħaddu din il-liġi mingħalina li b'daqshekk se nimmaniġġaw id-dinja. Mhux billi noqogħdu ngħidu li se nagħmlu dawn il-koperativi. Kif qal sieħbi, dan il-board se jkun il-factotum f'kollox u ħadd ma hu se jkollu dritt jappella lil ħadd ħlief lill-ministru. Irridu ninżlu fil-qiegħ u nibdew minn isfel biex nedukaw liż-żgħażagħ, lil dawk li se jidħlu fl-industrija u lil dawk li jixtiequ jwaqqfu koperativa sabiex ikollhom l-għajnuna.

Naturalment din l-għajnuna m'għandiex tkun finanzjarja biss għax mhux billi tagħti għajnuna finanzjarja. Meta jispiċċaw il-finanzi u min hu responsabbli ma jkunx kapaċi jmexxi l-koperativa 'l quddiem, xorta waħda se jitfarrak. Infatti kellna ħafna koperativi li kienu bdew ifaqqsu. Kellna l-koperativa ta' l-inbid fejn il-gvern xeba' jippompja flus - dik ta' Burmarrad - imma l-bdiewa ma ridux jieħdu l-għeneb hemm għax il-bidwi ma kienx edukat li in the long run jekk se jkun magħqud flimkien, dan se jkollu s-saħħa li jikkumbatti. L-ikbar ġlidiet li kien hawn kienu meta kien hawn il-kwestjoni li għad għandna sal-lum, il-kwestjoni tal-pitkalija. Il-bidwi jieħu kollox il-pitkalija iżda meta kont tinkoraġġih biex ibiegħu hu l-prodott, kien jgħidlek li m'għandux ċans għax jispiċċa jitfarrak.

Il-koperativa tal-ħalib marret iktar 'il quddiem. Niftakar li meta għamilna l-koperativa tal-ħalib – dik li kienet l-MMU, illum l-MDP - kont għedt lir-raħħala li għandna koperativa u staqsejthom jekk kenux lesti li jmexxuha huma. Biex niftehmu, kien hemm ħafna li kellhom il-flus u riedu jidħlu biex imexxu l-makna tal-ħalib - nies li lanqas kienu jafu jekk baqra jew

mogħża taħlibx minn quddiem jew minn wara! – imma żammejt iebes u għedt le u lir-raħħal ġibtu madwar mejda. Kien bis-saħħa tan-nies li ħadmu li din irnexxiet, fosthom wieħed miż-Żejtun li llum ħalliena – qed ngħid għal dak li kien il-president tal-koperativa, Gejtu Buttiġieġ – u dawn ħadmu biex stajna nfehmu lir-raħħala li jekk din se jmexxuha huma se jkollhom is-saħħa. Wieħed mir-regolamenti li kont għamiltilhom biex nipproteġihom u nagħti s-saħħa lir-raħħala kien li għedtilhom li jekk se jmexxuha huma kien se jkollhom 55% tax-shares, il-gvern ikollu minoranza tax-shares u kumpannija Awstriaka jkollha minoranza iżgħar. Pero' ntrabatna li jekk il-kumpannija tkun trid tbiegħ jew il-gvern ikun irid ibiegħ jew l-oħrajn ikunu jridu jbiegħu x-shares, dawn ma jistgħux ibiegħu lill-barranin imma jridu jbiegħu bilfors lir-raħħala. Dan minħabba li kieku ftaħniha għall-barranin dawn kienu jidħlu, ikissruhom u jeħdulhom kollox u allura sakemm din tiġi biex tiġi fuq saqajha tkun diġa' tfarrket.

Għandek ukoll il-koperativa tar-raħħala li għadhom imexxu l-ġwież, il-KPH. Din ħadmet u mxiet 'il quddiem. Għaliex? Dan għaliex kif qal qabli l-Onor. Michael Bonnici, l-affarijiet jimxu fejn ikollok management sod u affarijiet serji. Niftakar li kont għamilt diskors fuq dan, jiġifieri li wieħed għandu jikkopera ma' l-ieħor, imbagħad 'il quddiem kellna l-ħsieb li dawn jiġu bil-mod il-mod integrati f'koperativi. Pero' jiena ma nistax nifhem kif nivvintaw il-bordijiet għax issa flok dan il-bord ikun hawn kummissjoni u wara l-kummissjoni mbagħad nagħmlu awtorita'! Minflok qed nużaw lin-nies li qegħdin fid-dipartimenti tal-gvern u ngħidulhom biex jorganizzaw ruħhom aħjar, qed nagħmlu xi ħaġa minn barra biex sempliċement inkunu qed nagħmlu xi ħaġa ġdida. B'daqshekk ma narax li tkun saħħaħt il-koperativi. B'daqshekk kulma tkun għamilt hu li tkun ivvintajt bord, ivvintajt entita', ivvintajt kummissjoni, sejħilha li trid, imma xorta ma tkunx ilħaqt l-iskop li trid tasal għalih. Għaliex? Għax kif qal sieħbi, x'jiswa li tagħmel bord appuntat mill-ministru biex imbagħad x'ħin jidhirlu jgħidilhom: Daqshekk! Dawn x'affarijiet huma! Ma tistax taħdem hekk! Rajna x'ġara mhux biss fil-koperativa imma anke f'tat-trasport pubbliku. Biex sibna *chairman* għamilna hekk!

Jiena ma nixtieqx ninstema' li qed inqajjem xi oġġezzjoni meta aħna naqblu mal-koperativi, Sur President. Jiena ma naqbilx li nivvintaw entitajiet biex taparsi nkunu għamilna l-liġi, irranġajniha u taparsi mexjin 'il quddiem, kollox taparsi. Jiena naqbel li jekk irridu nsaħħu l-koperativi, kif qalu l-kelliema ta' qabli, irridu nsaħħu l-bażi. Irridu nfehmu lin-nies, speċjalment liż-żgħażagħ, li jekk se nagħmlu l-koperativi dawn iridu jkunu fuq sisien sodi u mhux fl-arja. Dawn irid ikollhom l-għajnuna mhux biss finanzjarja imma anke għajnuna edukattiva. L-għajnuna edukattiva għandha tfehemhom biex jaħdmu flimkien, anke jekk jiltaqgħu mal-mewġ, u li m'għandomx iżarmaw ma' l-ewwel mewġa li jiltaqgħu magħha. M'għandniex inwegħduhom li se jkollhom monopolju għax meta tagħmel monopolju jiġrilek bħalma ġralna b'tar-*refuse,* li malli l-kuntratt jieħdu ħaddieħor għax ikun irħas jew għax ikun aħjar ikollna partita nkwiet u diżgwid. Grazzi.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari.

**ONOR. EDWIN VASSALLO (Segretarju Parlamentari):** Mr Speaker, il-fatt li qegħdin naqblu ż-żewġ naħat dwar din il-liġi li għandna quddiemna, fih innifsu huwa messaġġ li fin-negozju u fil-mod ta' kif isir in-negozju ma tistax teħodha *for granted* li l-profitti se jaqgħu mis-sema. Illum il-kompetizzjoni hi ċara u reali u ħadd ma għandu jieħu xejn *for granted.* Għandna min hu b'ruħu u ġismu fin-negozju u jaħseb li b'xi mod jista' jgħaddi l-ġurnata mingħajr ma jkun organizzat. Għad għandna min jaħseb li m'għandux għalfejn ikun organizzat għax il-qligħ xorta waħda jibqa' ġej. Għad għandna min jaħseb li jekk ma tkunx organizzat fin-negozju u tispiċċa biex tfalli, allura t-tort ikun tal-gvern. Ngħid għalija l-akbar żball isir meta

jkollna min fil-politika, xi drabi b'intenzjoni tajba jew inqas tajba, jipprova jirkeb fuq in-nuqqas ta' serjeta' fin-negozju.

Mr Speaker, il-messaġġ ta' din il-liġi jmur kontra din il-mentalita` għax min qiegħed f'koperativa jrid ikun organizzat daqs kull negozju ieħor. Kien hawn żmien fejn kien hawn min jaħseb li għax tkun f'koperativa tista' tkun meħlus minn xi obbligazzjonijiet jew minn ċerti responsabbiltajiet. Kellna min jaħseb - u nixtieq nemmen li m'għadx hawn min jaħseb hekk - li għax tkun f'koperativa donnu li tkun eżentat minn ċerti responsabbiltajiet bħala imprenditur. Din il-liġi qed tgħid li dan mhux il-każ għax min hu f'koperativa jrid ikun serju, irid jaħdem bis-serjeta' u jrid jaħdem b'għaqal u responsabbilta' daqs kull imprenditur ieħor.

Mr Speaker, jien ngħid li min iħares lejn din il-liġi u mhux qiegħed f'koperativa imma hu imprenditur, *self-employed* jew għandu negozju żgħir, għandu ħafna x'jitgħallem. Wieħed għandu jitgħallem kemm jenħtieġ li nkunu serji fin-negozju. Jiddispjaċini li l-kelma "jitgħallem" saret kelma naqra goffa llum għax ħadd ma jidhirlu li għandu jitgħallem xejn u ħadd ma jaċċetta li għandu x'jitgħallem. Imma jien nerġa' ngħid li għandna nitgħallmu kemm jenħtieġ li nkunu serji fin-negozju. Dan hu l-messaġġ li din il-liġi qed tibgħat lis-suq. Illum qegħdin f'ċirkostanzi fejn m'hemmx triq tan-nofs għax il-kompetizzjoni hija reali. Illum qegħdin f'ċirkostanzi fejn min hu fin-negozju ma jaffordjax jgħid: Imbagħad naraw! Proprju din il-liġi tirregola attivitajiet, tirregola responsabbiltajiet biex naraw li min qiegħed f'koperativa ma jispiċċax mal-ħajt u ma jispiċċax isib ruħu u n-negozju tiegħu lampa stampa, espressjoni li jħobb juża' l-kap ta' l-oppożizzjoni.

Meta l-Onor. Alfred Sant u l-Onor. Noel Farrugia marru biex jitkellmu ma raħħal imdaħħal fit-trobbija tat-tiġieġ - mhux se nsemmi ismu għax naħseb hekk titlob l-etika, pero' jafu għal min qed nirriferi sħabna ta' l-oppożizjoni - naħseb li kulma kienu qed jagħmlu kien eżerċizzju fil-politika partiġġjana biex jipprovaw jagħtu gambetta lill-gvern tal-ġurnata. Meta tiehu *coverage* u tipprova tieħu punt minn fuq telfa ta' xi ħadd personali, għalija dak eżerċizzju skadut. Daqskemm ma nistax immur quddiem xi ħadd li jkun sejjer tajjeb u ngħidlu: L-eluf ta' liri li qed taqla' huma grazzi għall-gvern tal-ġurnata li qed jippermettilek taqla' tant flus! Xogħolna bħala gvern huwa li noħolqu ambjent tajjeb fejn dak li jkun ikun jista' jmexxi n-negozju u mhux nieħdu l-krettu aħna l-politiċi. Issa bħalma inti ma tistax titfa' t-tort kollu fuq il-gvern .........

**MR SPEAKER:** L-Onor. Noel Farrugia, bil-permess tas-Segretarju Parlamentari.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Xtaqt nagħmel osservazzjoni u fl-istess ħin nara jekk iniex qed nifhem sewwa, Mr Speaker. Jiġifieri s-Segretarju Parlamentari jiċħad li l-prezzijiet li ġew ikkwotati se jkunu ta' żvantaġġ għar-raħħal u għal min irabbi t-tjur? Taqbel jew ma taqbilx?

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Nirrispondik, Onor. Farrugia, u ngħidlek ma' xiex naqbel u ma xiex ma naqbilx! (Interruzzjonijiet) Tippruvawx tbellgħuha lin-nies u taħsbu li n-nies huma boloh, Onor. Farrugia! In-nies taf li fl-Ewropa ma jeżistix prezz wieħed għall-bajd jew prezz wieħed għat-tiġieġ. Lil min tridu tbellgħuha li fl-Unjoni Ewropea hemm xi prezz wieħed fiss u li ma teżisti l-ebda kompetittivita'? Għalfejn qegħdin tgħiduhom dawn il-ħmerijiet?

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** M'għandekx għalfejn tirrabja!

**ONOR. EDWIN FARRUGIA:** M'iniex nirrabja, biss jiddispjaċini nara li hawn min jaħseb li n-nies huma boloh.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Ħadd ma qal li n-nies huma boloh. Il-prezzijiet li rriferejna għalihom aħna huma dawk għall-prodottur u mhux dawk li jħallas il-konsumatur.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Nirringrazzja lill-Onor. Farrugia għall-kjarifika li tana, imma tajjeb li jżomm f'rasu li n-nies jixtru mill-ħwienet u meta jiġu biex iħallsu mhux lill-produttur iħallsu imma jħallsu lil tal-ħanut, lil tas-*supermarket,* lil tal-*minimarket*, jiġifieri minn fejn imorru jixtru. Intom qegħdin tippruvaw tbellugħa lin-nies li donnu fl-Unjoni Ewropea jeżisti prezz wieħed fiss. Jien ngħidlek li dak eżerċizzju mranġat u eżerċizzju ta' ingann. Li tipprova tirkeb fuq esperjenza mhux tant pożittiva ta' persuna u tipprova tieħu vantaġġ politiku u twassal messaġġ qarrieqi, dak huwa atteġġjament li ma jagħti l-ebda ħjiel li n-naħa ta' l-oppożizzjoni verament temmen fil-koperativi.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Mr Speaker, aħna ma morniex f'xi *supermarket* imma morna għand produttur. Għaldaqstant biex ma nimmiżgwidawx lill-Kamra, il-prezzijiet li kkwotajna ma kenux il-prezzijiet li jħallas il-konsumatur imma l-prezzijiet għall-produttur. L-Onor. Vassallo għandu jifhmu dan u jaċċettah bħala fatt ħalli ma jkollniex għalfejn noqogħdu nargumentaw bla bżonn.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** M'għandix x'nifhem u nerġa' ngħidlek li mhux sew li tippruvaw tqarrqu bin-nies. L-Onor. Farrugia għandu bżonn jifhem li dak l-individwu li huma marru biex ikellmu qal li minkejja t-twaqqif ta' koperativa, il-problemi baqgħu hemm għax dak li jiġi miftiehem madwar mejda ma jitwettaq qatt, tant li ħass li kellu jirriżenja minn dik il-koperativa. Jiena nifraħ lil min qed iressaq din il-liġi għax hawn qed naraw li l-gvern diġa' qed iwieġeb għal sitwazzjonijiet bħal dawn ħalli meta l-koperativi jaħdmu u jkun hemm ftehim madwar mejda, dak il-ftehim jinżamm. Iva, dan huwa pass pożittiv, Mr Speaker.

Qed insemmi dan l-eżempju għaliex irrid inġib proprju l-esperjenza ta' xi ħadd li mhux għaddej minn żmien pożittiv fin-negozju tiegħu għaliex kien imsieħeb f'koperativa fejn, skond dak li qed jgħid hu, seta' kien hemm nuqqas ta' ftehim. Proprju din il-liġi se tgħin biex fejn ikun hemm ftehim, il-ftehim jinżamm. Din il-liġi qed titfa' piż reali fuq il-bord, piż ta' responsabbilta', dak il-bord li fuqu tkellem l-Onor. Joe Debono Grech. Jien jiddispjaċini meta nisma' lill-Onor. Membru jgħid: Issa se noħolqu bord, għada noħolqu kummissjoni u mbagħad awtorita'! Pero' jiena persważ li l-Onor. Debono Grech jaf għaliex hu kien f'kariga ministerjali u ħadem ħafna f'dan il-qasam. Il-verita' hi li dan il-bord diġa' jeżisti u m'aħna se nivvintaw xejn ġdid. Dan il-bord hu l-istess wieħed li hemm, li issa se nsaħħuh u se nagħtuh iktar poteri. Se nagħmluh iktar ta' veru u se nagħtuh l-istruttura kollha possibbli biex ikun verament ta' sostenn u jkun jista' verament jgħin sabiex il-koperativi jirnexxu.

Sur President, lil dak l-individwu li marru jkellmuh ta' l-oppożizzjoni aħna qegħdin ngħidulu li mhux se jerġa' jgħaddi minn dak li għadda minnu. Din hi s-serjeta' tan-naħa tal-gvern. Issa li qegħdin fil-gvern qegħdin ngħinu lin-nies u mhux ngħidulhom x'se nagħmlu meta nkunu fil-gvern. Dawk li llum qegħdin imorru jnewħu sentejn ilu kienu fil-gvern. Onor. Farrugia, sentejn ilu inti kont fil-gvern! Mhux ġust li titkellem fuq in-nies hawnhekk u lanqas hu ġust li tgħid li se nġibu lin-nies għarwenin. Kun responsabbli lejn min investa! Aħna qegħdin naħdmu.

Aħna qegħdin ngħidu li llum għandna s-soluzzjoni għal din il-problema. Prosit! Tajjeb! Morru komplu duru, ikxfulna l-problemi u aħna immedjatament nagħtukom is-soluzzjoni. U mela tmorru tgħidu għax il-bank mhux se jsellef flus lil min jaf li se jkun mhedded mill-Unjoni Ewropea! Ħrafa oħra, u jekk taħsbu li n-nies huma boloh, in-nies mhumiex boloh. X'inhuma s-

soluzzjonijiet? Ejjew ngħidu l-verita' lil dawn in-nies. Is-soluzzjoni hi din il-liġi. Onor. Farrugia, din il-liġi tagħti s-soluzzjoni billi fil-paġni ta' wara tgħidlek eżatt kif iridu jkunu l-*accounts* tiegħek, tgħidlek eżatt kif inti, jekk inti responsabbli minn koperativa, għandek tkun responsabbli u mhux tmur tipprova tiġġakbina lil sieħbek li qiegħed fil-koperativa miegħek. Din il-liġi hekk tgħidlek. Dik hi r-responsabbilta', dik hi s-soluzzjoni, Onor. Farrugia! J'Alla mażżmien ikollna nerġgħu nemendawha din il-liġi.

Mr Speaker, jein ma nafx għalfejn l-Onor. Debono Grech qed jgħid li issa dan il-gvern qed jagħmel bord. Il-bord kien jeżisti u issa għaddej minn fażi ta' transizzjoni. Dan il-pajjiż għaddej minn fażi ta' transizzjoni. Nammettu jew ma nammettux li qegħdin f'wieħed mill-iżjed żmenijiet kruċjali u interessanti għal pajjiżna? Nammettu jew ma nammettux li għandna għażliet kbar li rridu nagħmlu? Nammettu jew ma nammettux li llum minħabba l-kompetittivita`, jew inti ta' veru jew inkella ma teżistix? Hekk irid ikun id-diskors. Din il-liġi qed tibgħat il-messaġġ lin-nies tan-negozju li jenħtieġ li jkunu organizzati, u qed nispjega kif. Jiena se neħodha li dan il-messaġġ qed jasal. B'organizzazzjoni aħjar, in-negozju tal-koperativa jkun iktar sinifikanti u reali u ma jkollniex iżjed koperativa *frame-up* ta' negozju li ma jeżistix. Qegħdin narawhom, dawn huma r-risposti. Il-gvern qed jagħti r-risposti għar-realtajiet ta' llum.

Jiena naħseb li fil-kritika ta' l-Onor. Joe Debono Grech li l-gvern se jagħmel bord stajna forsi ma ftehmnix. Forsi veru li permezz ta' din il-liġi l-bord se jsir ta' veru - ħa jsir ta' veru għax forsi qabel ma kienx, għalkemm ma naħsibx ġaladarba kien jeżisti u kellu ħidma speċifika - imma issa l-bord huwa iżjed ta' sostenn għas-settur tal-koperativi. Ikolli ngħid li qegħdin fi żmien interessanti u kruċjali għal pajjiżna. Naħseb li hawn ħafna jeħduha *for granted* għax ma jifhmuhiex. F'dan il-pajjiż qegħdin fi żmien ta' transizzjoni, ta' bidla, ta' passaġġ minn stat għall-ieħor, żmien ta' transizzjoni minn stat ta' ekonomija fejn il-protezzjoniżmu kien fl-aqwa tiegħu, fejn kellna ekonomija li b'mod jew ieħor kienet protetta, b'kulħadd jitlob għall-protezzjoni. Dik il-kultura llum ninsabu ħerġin minnha. Dan il-gvern b'responsabbilta' qed jimmaniġġja bl-aħjar mod possibbli dan iż-żmien ta' transizzjoni minn ekonomija ta' protezzjoni, fejn kulmin qiegħed fis-suq jitlob il-protezzjoni, biex nirrispondu għall-ħtieġijiet veri tal-lum u mmorru għal ekonomija iżjed miftuħa u iżjed liberalizzata.

Issa hawn għandna ntopp ieħor, Mr Speaker, u dan għaliex ma nistgħux infehmu lin-nies x'inhi tgħid in-naħa ta' l-oppożizzjoni. L-Onor. Joe Debono Grech qal li forsi jkun hawn min jemmen li bl-Unjoni Ewropea se nitilgħu l-ġenna dritt. Imma l-oppożizzjoni hekk ukoll qed tgħid. M'hi tgħid xejn differenti mill-gvern għax l-għarusa hija waħda, il-*partner* tagħna huwa wieħed, għax it-tnejn qegħdin inħarsu lejn l-Unjoni Ewropea. Il-metodu ta' kif u meta se nkunu msieħbin hu li jagħmel id-differenza għax il-bqija qegħdin nitkellmu fuq l-istess ħaġa. Ir-regolamenti li se jmexxu l-koperativi u n-negozju tat-tjur f'Malta msieħba fl-Unjoni Ewropea se jkunu l-istess regolamenti li se jkunu qegħdin imexxu lill-istess industrija kieku Malta kellha tkun f'din l-Isvizzera tal-Mediterran, xi ħaġa li ma teżistix.

Irridu nifhmu dawn l-affarijiet għax ma nistgħux nibqgħu nidħqu bin-nies, inkella spjegawlna aħjar x'qegħdin tipprovaw tgħidu għax sa fejn jista' jasal li nifhmu l-affarijiet f'moħħna, m'hemmx triq oħra. It-triq hi waħda, jew ġewwa jew barra. Allura ddeċiedu li mhux nitkellmu dwar Malta bħala Svizzera fil-Mediterran imma dwar Malta barra mill-Unjoni għax barra nagħmlu li rridu! Dak ikun lingwaġġ ieħor. Malta barra u nagħmlu li rridu, imma mhux noqogħdu ngħidu Malta nofsha ġewwa u nofsha barra għax inkella se noftquha, sieq barra u sieq ġewwa! Operazzjonijiet tal-ftuq ta' din il-kwalita' fl-ekonomija ma jsirux. L-operazzjonijiet tal-ftuq isiru f'*St Luke's* imma operazzjonijiet tal-ftuq ta' l-ekonomija ta' pajjiż ma jsirux!

Punt ieħor interessanti li nstema' kien meta ntqal li fl-iskejjel l-istudenti tagħna donnhom qegħdin fi *pressure cooker.* Is-soċjeta' kollha qegħedha fi *pressure cooker.* Forsi min qiegħed fin-negozju mhux qiegħed fi *pressure cooker*? Min qiegħed fil-politika mhux qiegħed fi *pressure cooker*? L-istudenti biss qegħdin fi *pressure cooker*? Din hi r-realta' tal-ħajja jew mhix? Jien nikkwota lill-Onor. Evarist Bartolo u ngħid li hu inutli li nużaw kliem romantiku u sabiħ u nipprovaw ninstemgħu tajjeb. Jiena ngħid l-istess ħaġa għad-diskors tiegħu. Għax daqskemm nitkellmu hawnhekk bid-diskors irridu nitkellmu hemm barra bil-fatti forsi xi nies jibdew jemmnuna.

L-ewwel sinjali ta' kemm irridu l-koperazzjoni u l-koperativi bħala riżultat tal-koperazzjoni, iridu jiġu minn dan il-parlament u minna l-politiċi. Fuq xi argumenti nistgħu ma naqblux, imma ejja noqogħdu attenti kif nużaw ċerta kliem barra minn din il-Kamra. Għax jekk ngħidlek li jekk ma taqbilx miegħi se ntajjarlek rasek, ma nafx kemm inkun qed ngħin biex f'dan il-pajjiż inżidu l-kultura tal-koperazzjoni! Jiena nista' ma naqbilx ma' l-Onor. Noel Farrugia, li qiegħed faċċata tiegħi, imma mhux se ngħidlu diskors li ma jgħinx biex f'dan il-pajjiż tisseddaq, tissaħħaħ u tiġi xprunata l-idea tal-koperazzjoni, għax inkella nkunu qegħdin ngħidu mod meta nemmnu mod ieħor.

Waħda mill-ikbar problemi li għandna hi proprju l-kultura egoista u individwalista li llum dan il-poplu sfortunatament qed irawwem fih. Ma jistax ikollok kultura li taċċetta l-koperativi, li taċċetta li numru ta' ħaddiema u numru ta' negozji jaħdmu flimkien jekk f'dan il-pajjiż nibqgħu naħsbu li l-*work practices* ta' min hu fin-negozju huma li jiena narma kontra l-ieħor, li narmaw kontra xulxin, bl-ebda regola ta' xejn. Aħna moħħna f'xulxin u fil-ġlieda fil-prezzijiet għax trid tikkompeti u jekk ma tbiegħx ikollok traħħas. Kemm-il darba kien hawn roħs ta' prezzijiet li kien riżultat ta' kompetittivita` li ħafna drabi ma tkunx reali, u li kif qal l-Onor. Bonniċi fl-intervent tiegħu, kienu mumenti minħabba li wieħed kien qed jarma kontra l-ieħor jew inkella sempliċement ġlieda fis-suq?

Dan il-bord li diġa' jeżisti se jkun mogħti iżjed poteri biex jaħdem aħjar u għalhekk se jkollu opportunita' tajba ħafna. Permezz ta' din il-liġi se jkun jista' jkun ikun jista' jiġġieled il-mentalita' ta' l-individwaliżmu u ta' l-egoiżmu. Din hi mentalita' li ma tagħmlilniex unur, mentalita' li ġġib ħafna gwaj fostna, speċjalment fis-settur tan-negozju. Għaldaqstant irridu nifhmu li din il-liġi qed tneħħi kull idea li seta' kellu xi ħadd li l-koperativi huma xi *frame-up* ta' xi ħaġa, ta' negozju li warajh nistgħu nistaħbew. Jiena ma nistax nibqa' naħseb - u huwa ħażin min jaħseb hekk - li nista' nagħmel koperativa biex inkun ħieles minn ħafna responsabbiltajiet oħra li jista' għandha kumpannija kummerċjali. Din il-liġi qed tgħolli l-prestiġju tal-koperativi għax b'din il-liġi qegħdin ngħinu lill-koperativi. Qegħdin ngħidu li fl-organizzazzjoni u fis-serjeta' tan-negozju, koperattiva ma tistax tħares b'viżjoni inqas milli tħares kumpannija jew soċjeta' imprenditorjali oħra. Il-koperativa jrid ikollha l-istess struttura ta' serjeta' daqs kemm għandha kumpannija oħra fejn hemm ix-*shareholders.* Issa fil-liġi hemm klawsoli interessanti ferm, Sur President.

Jekk nieħdu klawsola 21, insibu li l-bord qed jiġi mogħti r-responsabbilta' - mhux se ngħid id-dritt - li jirreġistra u jgħin fil-formazzjoni ta' dawn is-soċjetajiet. Nużaw ukoll il-kelma "soċjeta'" - forsi jkun hawn min jaħseb li din hija xi logħba tal-kliem – fil-każ ta' "kumpannija kummerċjali oħra". Qegħdin nużaw l-aħjar kliem possibbli fis-suq biex innaqqsu d-differenzi li jista' jkun hemm għax ħafna drabi nibdew naħsbu li l-koperativa hi donnha xi ħaġa *second-class* ħdejn attivita' kummerċjali oħra meta dan assolutament mhux minnu. Klawsola 21 qed tgħin iktar biex ikollna din ir-reġistrazzjoni. Imbagħad għandna klawsola 22 li tgħin fil-formazzjoni tal-koperativa. X'jiġifieri formazzjoni ta' koperativa?

Il-bord diġa' kellu dak id-dmir, pero' issa għandu iktar poteri biex ikun iktar ta' veru u iktar reali għax issa se jkun ta' iżjed għajnuna milli seta' kien qabel. Din hija r-risposta li qed jagħti dan il-gvern. Din il-liġi hi ta' għajnuna fl-organizzazzjoni ta' diversi negozji żgħar ukoll. Mela hawn qegħdin noffru liġi oħra, emenda għal-liġi li diġa' kienet teżisti u li se tkompli tgħin biex is-settur tan-negozji ż-żgħar ikollu struttura. Kif qalu l-kelliema ta' qabli, jiena nifhem li din il-liġi weħidha ma hi xejn. Kien l-Onor. Abela, jekk mhux sejjer żball, li qal li x-xogħol proprju jibda wara din il-liġi. Dan hu minnu pero' għandna struttura.

Jiena nifhem li maż-żmien din il-liġi jkollha bżonn xi emendi wara li l-prattika tibda turik mod ieħor, imma s'issa għandna l-aħjar struttura possibbli u diġa' hu pożittiv li ż-żewġ naħat tal-Kamra qegħdin naqblu dwar din it-tip ta' struttura. L-għarfien ta' l-*APEX* hu punt pożittiv. Dan hu esperiment li diġa' rnexxa, esperiment li ħadem tajjeb, esperiment li sar realta'. Din ir-realta' ta' ħidma llum qed tiġi rikonoxxuta permezz ta' din il-liġi. Għaldaqstant qegħdin nagħrfu kif l-*APEX* għandha sehem x'tagħti fl-iżvilupp kollu ta' din l-istruttura kummerċjali li qegħdin nitkellmu dwarha, jiġifieri rigward il-ħtieġa tal-koperattivi.

Pero' għandna wkoll klawsola oħra ferm interessanti, klawsola 19 li tittratta l-abbuż ta' awtorita' jew il-ksur ta' fiduċja. Ippermettili nikkwota mit-test ta' dan l-abbozz ta' liġi, Mr Speaker:

> ''Jekk ikun jidher li xi persuna tkun ħadet sehem f'organiżżazzjoni jew fil- ġestjoni ta' dik is-soċjeta', jew xi uffiċjali ta' l-imgħoddi jew tal-preżent tas-soċjeta' jkun għamel użu ħażin jew żamm jew irrenda ruħu rresponsabbli għal xi flus jew proprjeta' ta' dik is-soċjeta', jew kien ħati ta' abbuż ta' awtorita' jew ta' ksur ta' fiduċja dwar dik is-soċjeta', il-bord jista' minn jeddu jew fuq talba jew tal-kreditur jew tal-kontributur jagħmel inkjesta jew iġiegħel li ssir inkjesta dwar l-imġiba ta' dik il-persuna.''

Jekk inkompli ngħaqqad ma' dan u mmur għal klawsola 19 u klawsola 4, hemmhekk naraw li d-disposizzjonijiet ta' dan l-artiklu japplikaw ukoll meta dak l-għemil ikun wieħed li għalih il-ħati jkollu responsabbilta' kriminali. Jekk tara liġijiet oħrajn, bħalma tista' tkun anke l-liġi tal-*VAT* jew liġijiet rigward responsabbiltajiet oħrajn, ikollok dawn il-klawsoli ukoll biex juruk li min ikun irresponsabbli fil-ġbir tal-*VAT*, per eżempju, jew fil-ġbir tan-*national insurance*, ikun mitqies bħala att kriminali. Hemm ċerta responsabbilta' u b'din it-tip ta' responsabbilta' m'aħniex inkunu kattivi mas-suq meta qegħdin nitkellmu dwarha.

Qegħdin inkunu realistiċi mas-suq u l-ikbar għajnuna li nistgħu nagħtu lil min qiegħed fin-negozju hu li nkunu realistiċi miegħu. Inkella jekk ma nkunux realistiċi nkunu qed nidħqu bih għaliex id-dinja, iċ-ċirkostanzi u l-liġijiet li nitkellmu dwarhom ma nistgħux ngħidu li m'huma xejn meta fil-liġi qed jgħidlek li huwa att kriminali. Kif m'hu xejn! Din hi kwistjoni ta' responsabbilta'. Din il-liġi ma tittratta xejn ħlief *issue* ta' responsabbilta', responsabbilta' li hi għaddejja minn grad għall-ieħor. Għalfejn qed jiġi kkritikat il-fatt li l-ministru jrid jagħżel il-bord? F'dan il-pajjiż għadna fil-fażi, li forsi 'l quddiem titneħħa, fejn emendajna l-liġijiet u din hi emenda ta' diversi liġijiet li saru fuq il-koperattivi. Wasalna s'hawn. L-*APEX* qabel ma kenitx magħrufa u llum hi magħrufa. Dan ifisser li avvanzajna - u għad navvanzaw aktar - avvanz li forsi jrid isir 'il quddiem hu li l-ministru ma jibqax jagħżel lin-nies - pero' gradwalment.

Huwa tajjeb li l-ministru konċernat ngħabbuh bir-responsabbilta', iżda l-fatt li hu jista' jagħżel lill-persuni tal-bord jew jieħu ċerti deċiżjonijiet ma jfissirx li għandu xi poteri li se jdawruh bil-fjuri jew xi poteri li qegħdin jagħmlulu xi *red carpet treatment* kull fejn imur. Din il-klawsola li

tgħid li l-ministru jrid ikun responsabbli hija proprju piż fuq spallejn il-ministru u hu qiegħed ikun responsabbli li jressaq din il-liġi. Quddiem dan il-poplu u quddiem dan il-parlament, il-ministru hu responsabbli għall-fjask jew għas-suċċess ta' din il-liġi. Għax xi ħadd irid ikun *accountable* f'dan il-pajjiż u ċertament għandna nibdew minn fuq. F'dan il-pajjiż irridu naraw li lil dan il-*pressure cooker* inżidulu l-*isteam,* l-*isteam* ta' l-*accountability* u tar-responsabbilta'. Mhux li ngħallmu lin-nies jaħarbu mir-responsabbilta' u fejn hu iva, iva u fejnu le, le. Meta l-bank isellfek jagħmel dan għax jistmak u jemmen fil-proġett tiegħek. Il-bank ma jsellfekx u ma jirriskjax jekk il-proġett tiegħek ma jkunx fih sustanza għax il-banek mhumiex jagħmlu karita'. Qatt ma kienu u llum iżjed mill-bieraħ. Min qiegħed fin-negozju mhux qiegħed hemm biex jagħmel karita' imma biex jagħmel il-qligħ. Din ir-responsabbilta' u l-*accountability* fin-negozju tassiguralna l-qligħ, iżda mhux bħal min jipprova jiekol għax għajnejh jaraw ikbar minn żaqqu! Lanqas bħal min jipprova jkabbar iktar milli għandu *cashflow* fil-but. Effettivament din il-liġi tagħmel provvediment tajjeb rigward il-*cashflow.*

Permezz tal-liġi, il-bord hu obbligat - ara kemm hi tajba din - li jara li kull koperativa ssegwi l-kalkolu ta' kif se tara li jkollha r-riservi tagħha mħarsin u mhux tispiċċa bla *cashflow* ta' xejn. Hekk irridu ngħallmuh lin-negozju. Li qed ngħidu lill-koperativi hu li l-messaġġ irid ikun l-istess. X'qegħdin ngħidu lil min hu *self-employed*? Qed ngħidulhom biex ma joħorġux mingħajr m'għandhom *cashflow.* Ibża' għall-*cashflow* u tonfoqx kollox għax tispiċċa fixxa! Irid ikollok il-*formula* u d-direzzjoni ta' kif se tieħu ħsieb ir-riservi għax inkella jekk ma taħsibx fir-riservi se jkollok problema ta' *cashflow,* u din hi l-mentalita'. Taf kemm għandna bravi llum li qegħdin jitkellmu fuq il-*cashflow*, li kulħadd iwaħħal fil-gvern għax hawn problema ta' *cashflow*! Pero' dawn il-bravi kollha li hawn rari għallmu lil min hu fin-negozju biex jieħu ħsieb il-problema tal-*cashflow.* Mhux qed ngħid qatt imma rari għallmu, u f'dan il-pajjiż nitpaxxew inħarsu lejn il-gvern biex nitfgħu t-tort fuqu. Nitkellmu ħafna fuq il-programm ta' *grande fratello,* pero' f'dan il-pajjiż għandna l-kultura ta' *grande papa'* u mhux ta' *grande fratello*! Il-gvern iżjed ma' jgħaddi ż-żmien iżjed qed isir mhux daqshekk utli f'ċerti deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fis-suq. Mhix *issue* li jekk jien responsabbli ta' xi korp kostitwit, ta' xi għaqda tan-negozju jew ta' xi koperativa, li noqgħod inwaħħal fil-gvern, hu min hu. Il-gvern qatt ma se jġibuli sħun lili! Jiena li qiegħed fin-negozju rrid naħseb għal rasi. Il-messaġġ ta' din il-leġislazzjoni hu li dan il-bord qed ikun iddirezzjonat biex jaħseb ħalli jgħin lil min qiegħed f'koperativa.

L-aħħar punt hu li ma nistgħux naħsbu li fejn diġa' hemm esperjenza ta' ineffiċjenza, il-koperativa tista' tkun is-soluzzjoni. Fejn hemm l-ineffiċjenza, fejn hemm xogħol li mhux qiegħed isir, il-koperativa mhix is-soluzzjoni. Id-dixxiplina hi s-soluzzjoni u d-dixxiplina hi l-ewwel eżerċizzju ta' tagħlim u ta' taħriġ impreditorjali li jeħtieġ li jkollna. Dixxiplina hija kelma li ma nħobbux nużaw, pero' min qiegħed fin-negozju jrid ikun l-iżjed bniedem iddixxiplinat kif jużа' flusu u kif jikkalkula xi forma ta' estensjoni għan-negozju tiegħu. Għalhekk id-dixxiplina għandha tkun ir-risposta għal min hu ineffiċjenti. Il-koperativa hija s-soluzzjoni ta' min diġa' hu effiċjenti biex għada pitgħada jagħmel iktar flus milli qed jagħmel illum. Grazzi.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Iktar rimarki? L-Onor. Noel Farrugia.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Mr Speaker, naħseb li sħabi fuq din in-naħa li tkellmu qabli kollha taw indikazzjoni li aħna ta' l-oppożizzjoni qed nikkontribwixxu għal dan id-dibattitu b'mod li nifhmu l-impatt pożittiv li għandhom il-koperativi. Ma naħsibx li hemm xi dubju li kwalunkwe aġġornament jista' ma jawgurax tajjeb biex dawn il-koperativi jkomplu jimxu 'l quddiem fl-ambjent u fiċ-ċirkostanzi tal-gżejjer tagħna. Għaldaqstant wieħed irid bilfors jiċċara

numru ta' sitwazzjonijiet li jirriżultaw fiċ-ċirkostanzi tagħna, kawża taċ-ċokon, kawża tal-limitazzjonijiet tad-daqs ta' l-art u kawża tal-*economy of scale*. F'dan is-sens wieħed irid anki jagħti r-raġunijiet u mhux inbeżżgħu jew nipprovaw inkunu kontroversjali, imma rridu nirrikonoxxu l-problemi kbar li qed jiffaċċjaw il-koperativi kawża ta` dawn id-diffikultajiet u dawn il-limitazzjonijiet. Jagħmel ħażin min jipprova jkun partiġġjan f'dawn iċ-ċirkostanzi jew min bl-interventi li jagħmel jipprova jgħid li din in-naħa tal-Kamra, għax hija fl-oppożizzjoni, m`għandiex il-viżjoni dwar kif temmen hi li dan il-parlament jista` jkun iktar attiv biex jilleġisla u jkollu politika li tabilħaqq iġġib 'il quddiem is-sehem tal-koperativi.

M`hemmx dubju li l-moviment koperativ Malti, bħal kull amministrazzjoni fil-pajjiż, għandu l-affarijiet li huma tajba u dawk li huma inqas tajba, u għandu problemi li naturalment irid ikun minn ta` quddiem biex jindirizza. Dawn huma problemi li barra li jkunu ħafna drabi marbuta mad-daqs u ma` l-ekonomija tal-gżejjer tagħna, ikunu mifruxa wkoll mil-lat ta` direzzjoni politika li jkollu l-gvern tal-pajjiż. Irridu niċċaraw li meta min-naħa tagħna ngħidu li l-aħjar triq għall-futur ta` pajjiżna hi dik ta` Svizzera fil-Mediterran u mhux ta' sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea, inkunu wkoll qegħdin nifhmu ċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja u ta' l-attivita` soċjo-ekonomika tal-gżejjer tagħna. Meta aħna nkunu qegħdin ngħidu li Svizzera fil-Mediterran hi l-aħjar alternattiva għal pajjiżna, ikun ifisser ukoll li fiha hemm il-*link,* is-sieħeb tal-moviment koperativ Malti, fejn il-koperativi jrid ikollhom politika mfassla li mhux biss tiggarantixxi l-ispazju imma d-direzzjoni li tabilħaqq tkun tista` tiżviluppa u ġġib `il quddiem l-interessi ta` l-imsieħba fil-koperativa, inkluż l-interess ta` settur partikolari. Ħalli nieħdu l-każ tas-settur tal-biedja u s-sajd, fost l-aktar setturi li jikkontribwixxu fi ħdan il-moviment koperativ Malti.

Nafu li r-rappreżentazzjoni tal-biedja f'dak li hi koperativa hi attiva u m`hemmx dubju li neħtieġu nagħmlu l-bidliet neċessarji fil-liġijiet tagħna biex niffaċilitaw il-mod ta' kif l-amministrazzjoni ta` dawn il-koperativi tkun tabilħaqq tista' trendi aktar u jkunu jistgħu jitnixxfu minn ċerta burokrazija li ilha ankrata magħhom għal ħafna snin. Din ukoll esperjenza għaliex m`hemmx dubju li meta wieħed jaġġorna, ikun qed jirrikonoxxi l-esperjenza preċedenti u jkun qed jara kif jista` jħares `il quddiem b`mod attiv, b`mod pożittiv, b`mod li dak li huwa marbut ma` l-għanijiet irendi għall-ġid kemm tal-koperativa kif ukoll tal-poplu tal-gżejjer tagħna.

Filwaqt li qed nitkellmu dwar dawn il-bidliet, il-kollega li għadu kemm tkellem qabli għamel riferenza li din il-liġi se ssolvi ħafna mill-problemi u mill-iżvantaġġi li għandhom il-koperativi – j'Alla li jkun hekk għax aħna nieħdu gost nisimgħu l-kelliema tal-gvern daqstant konvinti li se jġibu dawn l-affarijiet `il quddiem b`dak li qed jilleġislaw – meta kollha nafu x'tip ta' diffikultajiet amministrattivi jiltaqgħu magħhom fl-operat tagħhom. Nista' nġib il-każ, per eżempju, biex ma noqogħdux nagħmlu l-battibekki fuq dak li għadu kemm qal il-kelliemi ta` qabli, dwar iż-żjara li l-kap ta` l-oppożizzjoni, sieħbi Evarist Bartolo, sieħbi Joe Cilia u jien għamilna meta żorna lil dan il-produttur tat-tjur. Imma ejja nieħdu l-każ li qed tiffaċċja bħalissa l-koperativa tal-produtturi tal-majjal, Mr Speaker.

Din il-koperativa qed titlob li tkun approvata żieda ta` madwar 5ċ fil-kilo fil-prezz tal-laħam tal-majjal. Dan sabiex tkun tista` tibbilanċja ma` l-ispejjeż li żdiedu għall-membri tal-koperativa tagħha matul dawn l-aħħar tliet snin. Qed tirriżulta sitwazzjoni li sabiex il-gvern jimplimenta l-pjan tiegħu, jiġifieri n-*national plan for the adoption of the acquis,* irid ibaxxi l-prezz tal-laħam tal-majjal b'medja ta` 20ċ. Dan sabiex is-sistemi, id-direttivi, ir-regoli u x-xenarju ta` l-attivita` ekonomika ta` din l-industrija f`pajjiżna jkunu konformi ma` dawk ta` l-Unjoni Ewropea. Nafu li għandna sitwazzjoni fejn din il-koperativa se tiffaċja problemi kbar. Dan għaliex minbarra li trid tkattar ċertu investiment u taġġorna kif inhu l-iskop tal-liġi mhux biss f'dak li hu leġislattiv

imma f'dik li hi produzzjoni, f`dak li huwa suq, f'dik li hi kompetittivita`, għandha dan ix-xenarju xejn sabiħ ma` saqajha li jpoġġiha f`salib it-toroq.

Issa din is-sitwazzjoni ma tirriżultax biss fost il-membri tal-koperativa tal-majjal imma m`hemmx dubju li tirriżulta wkoll fost il-membri tal-koperativa tat-tjur, fost il-membri tal-koperativa tal-produtturi tal-ħalib u taċ-ċanga u m`hemmx dubju wkoll fost il-produtturi tal-biedja. Din hi s-sitwazzjoni u meta nkunu qed nagħmlu riferenza għaliha ma nkunux qed nagħmlu riferenza għaliha biex noqogħdu nbeżżgħu lin-nies jew biex noqogħdu nikkritikaw lill-gvern, imma biex f`dan il-*forum* nuru fejn jeżistu d-diffikultajiet marbuta ma` ċirkostanzi naturali li għalihom qed ngħidu li l-aħjar direzzjoni għall-futur tal-gżejjer tagħna hija dik ta` Svizzera fil-Mediterran u mhux dik ta` sħubija fl-Unjoni Ewropea. B'dan il-kejl irridu niftehmu li l-koperativi se jkunu żvantaġġati aktar biex imexxu l-ġid komuni ta` l-imsieħba tagħhom.

Jien nista' nifhem li l-gvern għandu kull interess biex jara l-koperativi organiżżati u motivati aktar sabiex iġibu `l quddiem l-għanijiet ta` l-assoċjazzjoni tagħhom, imma hawnhekk bilfors irrid nagħmel l-ewwel mistoqsija. La qed tgħidu li b`din il-liġi se ssolvu l-problemi li għandhom dawn il-koperativi, jista` allura fil-*winding-up* xi ħadd jispjega kif per eżempju l-koperativi tal-majjal, tat-tjur, tal-ħalib, taċ-ċanga u oħrajn se jegħlbu dawn iċ-ċirkostanzi li qegħdin nirriferu għalihom meta nafu li ċerti perjodi transitorji li `l quddiem iridu jiġu miftehma, jistgħu ma jħallux l-impatt pożittiv li oriġinarjament ikun intlaħaq qbil dwaru. F`dan ir-rigward wieħed irid jifhem li meta qed nifhmu li rridu nagħmlu bidla, il-bidla trid issir b`mod li trendi. Inutli li nagħmlu bidla biex nissodisfaw ċerti kriterji li huma konformi ma` l-aġenda tal-gvern u ma` l-aġenda tal-kabinett meta mbagħad nafu li fil-verita` d-diffikultajiet il-kbar qegħdin niskartawhom, qegħdin inwarrbuhom, qegħdin ma nagħtuhomx widen u qegħdin sempliċement ngħabbuhom fuq l-istess membri tal-koperativi.

F'dan il-kwadru rridu nsemmu li l-koperativi għandhom rwol attiv. Kollha għandhom ekonomija tas-settur marbuta u żviluppata mal-mod kif dan il-gvern u gvernijiet preċedenti lleġislaw u kkordinaw biex jipproteġu dan is-settur. Aħna nafu li kieku matul is-snin il-koperativa tat-tjur, il-koperativa tal-majjal, il-koperativa tal-ħalib u l-koperativa taċ-ċanga ma kellhomx ċerta protezzjoni fejn tidħol l-importazzjoni, m`hemmx dubju li kien ikun diffiċli biex aħna nimmaturaw f'dak li mmaturajna u f'dak li miegħu qatt ma kellna nkwiet, jiġifieri mad-*WTO,* kif kellhom pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. X'qed nipprova ngħid. Ħalli npoġġi l-eżempju ta' dak li nafu llum u nkompli bil-każ tal-koperativa tal-podutturi tal-majjal.

Aħna nafu li filwaqt li f`pajjiżna l-produtturi qatt ma tilfu l-impjieg tagħhom u dejjem għamlu l-investiment meħtieġ biex jgħollu l-livell tal-kwalita` tal-prodott biex dejjem iżidu t-*turnover*, il-bejgħ u l-ġid tal-koperativa, fl-istess ħin żammew prezzijiet kompetittivi għall-konsumatur u għall-industrija tat-turiżmu, industrija li minn sena għall-oħra tospita `l fuq minn miljun turist. Għalhekk wieħed irid jifhem is-sehem li għandhom dawn il-koperativi biex jassiguraw il-provvista ta` ikel frisk mhux biss lill-popolazzjoni tal-gzejjer tagħna imma wkoll lil miljun turist li jiġu jżuruna. Aħna nafu li matul dawn is-snin din il-protezzjoni rrendiet, fis-sens li filwaqt li l-produtturi msieħba fil-koperativa tal-majjal kienu suġġetti li jgawdu minn protezzjoni fuq majjal importat kemm minn pajjiżi ta` l-Unjoni u kemm jekk m`humiex, dan irrenda biex dawn setgħu jkabbru l-attivita` tagħhom. B'hekk f`pajjiżna kien hawn prezzijiet kompetittivi kemm għall-industrija tat-turiżmu u kemm għall-konsumatur. B`dan il-mod stajna nuru lill-organiżżazzjonijiet dinjija, fosthom id-*WTO*, li l-protezzjoni li għandna m`hijiex tiżvantaġġja la lill-konsumatur u lanqas lill-produttur.

Jekk tara x`ġara fl-aħħar tletin sena hawn Malta u fil-pajjiżi ta` l-Unjoni Ewropea tinduna li l-prezzijiet għall-produttur komplew jitbaxxew u l-prezzijiet għall-konsumatur komplew jogħlew. Tant hu hekk li għal xi żmien biex l-istess Unjoni tkun kompetittiva fis-suq internazzjonali, kellha tissussidja l-prezz tal-pajjiżi tagħha. Dan minħabba li l-prezz kien għoli meta pparagunat ma` l-istess prodott li kien jiġi kkumerċjalizzat fis-suq ta` l-ikel internazzjonali. Mela meta aħna nitkellmu u nfehmu li l-politika ta` Svizzera fil-Mediterran hi l-aħjar alternattiva għall-poplu tagħna, inkunu qegħdin infehmu x`inhuma ċ-ċirkostanzi li qed iwassluna għal dan il-punt. Aħna qegħdin ngħidu li din hi l-aħjar alternattiva. Lil hinn mid-diskors li l-kelliemi ta` qabli qagħad jagħmel meta qal li aħna naraw lin-nies boloħ, jiena ngħid li qatt m`għidt u ħadd min-naħa tagħna qatt ma qal li jara n-nies boloħ. Dak il-kap tagħkom iħobb isejħilhom hekk meta jikkritikawh xi ftit u kultant anki jgħajjarhom imzazen. Aħna ngħidu l-fatti kif inhuma u ma nippruvawx la noħolmu u lanqas ngħawġu l-fatti. Aħna nippruvaw inpoġġu l-affarijiet kif inhuma. Il-koperativi tagħna matul it-tletin sena li għaddew dejjem kienu konformi ma` l-obbligi tagħhom f`dawk li huma r-regoli tad-*WTO*. F'dak li hu impatt fuq l-ekonomija u fuq is-soċjeta` tal-gżejjer tagħna nifhmu li kien hemm l-istess tip ta` flessibbilta`, jiġifieri li jixtru l-materja prima ta` l-għalf b`mod li ma tkunx marbuta m'ebda regola kemm jekk din tkun ġejja mis-sors tal-pajjiżi ta` l-Unjoni Ewropea kif ukoll jekk tkun ġejja minn sors ta` pajjiżi oħra li m`humiex membri. F'dawn iċ-ċirkostanzi nemmnu li dawn huma argumenti li rendew b`mod pożittiv. Jien qed nifhem li 'l quddiem il-koperativi u l-gvernijiet irid ikollhom iktar għodda biex ikun hawn diskussjoni favur dan il-ġid komuni.

Diskussjoni li m`hemmx dubju li jien ili nappella li titqanqal – żgur li se titqanqal aktar `il quddiem - hija l-kwistjoni tal-*genetically modified foods.* Dan peress li llum teżisti daqsxejn ta` konfużjoni fejn ċerti pajjiżi qegħdin jgħidu li l-għalf tal-bhejjem u tat-tjur m`għandux ikun suġġett ta` għalf ġenetikament modifikat. Aħna nemmnu li ċirkostanzi bħal dawn huma importanti li jiġu studjati. Hu importanti li nonfqu l-flus ħalli nagħmlu u nwaqqfu l-kumitati minn dan il-parlament u minbarra dan il-parlament, ħalli hemmhekk nanalizzaw kif nistgħu nirristrutturaw aħjar. Nirrikonoxxu wkoll li aktar jagħmel sens kieku npoġġu dan id-dmir quddiemna, nitkellmu mal-koperativi u nagħmlu jekk hemm bżonn konferenzi barra minn dan il-parlament ħalli niddiskutu din l-*issue* u mhux ħafna drabi nippruvaw nirridikolaw lil xulxin! Meta xi ħadd minn din in-naħa tal-Kamra jqanqal dawn iċ-ċirkostanzi nippruvaw inpinġuh bħala *scaremongerer* jew bħala *idle conjecturer,* għax tant inkunu teknikament u intelletwalment professjonisti li allura nsibu l-kelma faċli biex nippruvaw inwaqqgħu l-argument ta` min b`mod ħaj u attiv ikun qed iħares lejn iċ-ċirkostanzi li rridu nirrimedjaw, naġġornaw u ntejbu biex ikollna produzzjoni li tabilħaqq tkun għolja, ta` kwalita` u li tindirizza verament dak li neħtieġu bħala prodott fis-suq u dak li neħtieġu bħala Maltin u Għawdxin.

Issa minkejja dan, aħna ta' l-oppożizzjoni nsibu li l-gvern iktar qed jara x`se jagħmel dwar dak li qed tordnalu jwettaq l-Unjoni Ewropea. Minflok jikkonsidra dawn l-affarijiet li tabilħaqq huma maturi, importanti u jagħmlu ħafna sens biex il-koperativi tagħna jimxu `l quddiem, speċjalment dawk tat-tjur u tal-bhejjem, il-gvern qed jara kif jinnegozja fuq affarijiet li huma marbuta u mifthema ma` l-Unjoni Ewropea u ma` dan it-tip ta` mpenn sabiex inwaqqgħu l-prezzijiet, sabiex ngħidu x`inhi l-kwalita` ta` *fat content* jew il-kwalita` ta` piż, jew il-kwalita` ta` regola, jew il-kwalita` ta` sistema ta` bejgħ ta` karkassa li tapplika l-Unjoni Ewropea. Dawn huma kollha fatturi li l-gvern għandu studji fuqhom. Ir-rapport ta' l-*NPAA* jiddikjara li l-attivita` tal-biedja m`hijiex ekonomikament viabbli minħabba ċ-ċokon ta` pajjiżna. Barra minn hekk, mir-rapport ta` l-istitut agronomiku ta` Bari jirriżulta li partikolarment l-industrija tat-tjur hi *a non-starter.* L-istess bħalma hi *a non-starter* l-industrija tal-majjal fit-termini ta` dak kollu li huwa marbut mal-politika komuni tal-biedja ta` l-Unjoni Ewropea.

Mr Speaker, qed nara li sar il-ħin. Għalissa nieqaf hawn u nitlob li nkompli d-darba li ġejja.

**MR. SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Noel Farrugia jibqa` *in possession,* u nitlob lill-Onor. Viċi Prim Ministru biex jekk jogħġbu jressaq l-Aġġornament.

*F'nofsinhar id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.*